# MID-DURA

Pubblikazzjoni informattiva mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Volum 2021-1

## 'Dejjem Qrib Id-Dilettant'



www.huntinginmalta.org.mt

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

minn Joseph Perici Calascione

Għeżież membri u ħbieb,

Is-snin jgħiddu però ċ-ċikli rari jidbiddlu. Ma saritx tiġi rebbiegħa li ma jkollnix inqattgħu l-intern tagħna nistennew kif ser jizvolġu l-affarijiet u naraw jekk hux ser noħorġu ngawdu ftit ġranet ta' xi tip ta' kaċċa f'dan iż-żmien tagħna.

Wara snin twal nikkombatti flimkien mall-kollegi tiegħi dwar dan is-suġġett li filli kien passjoni li kont tgħix għaliha u filli sar kważi suġġett nazzjonali li jaqla kontroversji u argumenti ħorox, tibda taħseb jekk hemmx għeluq għal dan id-dramm.

Meta nħares lejn il-bidliet kbar li seħħew fil-prattiċi tal-kaċċa u l-insib minn mqar 30 sena l-hawn, ma nistgħax ma niskantax u fl-istess ħin nkun kburi bil-progress li għamel il-kaċċatur u n-nassab Malti u Għawdxi.

Filli nisimgħu b'ċifri ta' 6 miljun tajra tinqatel fil-gżejjer Maltin u li Malta hija t-tebgħa sewda tal-Ewropa u filli għadna nagħmlu kjass sħiħ għax insibu xi 20 każ ta' attivitajiet illegali konnessi mall-kaċċa. Mhux talli hekk talli nisimgħu b'talbiet biex jingħalaq staġun għax tinqatel tajra waħda protetta! Ejja nitkellmu bis-serjetà u ma nirridikolawx suġġett hekk importanti għall-eluf ta' persuni. Imma ngħid jien, filwaqt li nemmen li kull inċident wieħed huwa ta' min jistmerru, dan mhux progress?

Li kieku kont nagħmel proposta lil kien min kien mill-fundaturi tal-Malta Ornithological Society (MOS) fit-80ijiet u ngħidilhom biex iħallulna l-gamiema u s-summiena tar-rebbiegħa u l-insib tal-għana u tal-gamiema u aħna naċċertaw li ma jinqatilx iktar tajr protett, jien ċert li kienu jaċċettaw b'għajnejhom magħluqa. Allura x'imbidel?

Għandi lista ta' fatturi li setgħu kkontribwixxu għal dan ix-xenarju, imma trid tibda mill-fatt li meta l-MOS saru Birdlife u bdew idaħħlu l-barranin li xi wħud minnhom kienu ġew fil-gżejjer tagħna għall-ewwel darba f'ħajjithom u li fi ftit xhur, mhux talli saru esperti, talli bdew jiddettaw x'suppost kellna nagħmlu f'pajjiżna.

Din m'hijiex ksenofobija, għax jien m'għandi ebda problema bil-barranin, imma sakemm dawn jirrespettaw il-liġijiet u regolamenti tagħna u ma jkunux neo-kolonjalisti u kondixxendenti fl-atteġġjament u fil-komportament tagħhom. Dan l-istess bħal meta konnha tfal fiż-żmien tal-Kolonjaliżmu u kienu jagħtuna żerriegħa tal-akaċja u tal-ewkaliptus u mlejna Malta u Għawdex bihom biex issa qed naraw kif se neħħuhom għax issa nsejħulhom 'Speċi Invażivi Aljeni'.

Sa ftit snin ilhu meta kien għad kellna aċċess għall-istaġun, minkejja li kien ġie limitat drastikament, konnha wasalna eżatt għal din is-sitwazzjoni li ma ssemmewx iktar minn kemm tgħodd fuq id waħda illegalitajiet. Imma mhux talli dan ma kienx biżżejjed, talli iktar għafsu biex jaqtgħu kull tip ta' kaċċa u nsib. U x'ġara?

Ġara li dawk il-kaċċaturi kollha legali li kienu bdew jirrapportaw lil kull min kien qed jagħmel xi att illegali jew li kienu qegħdin iwissu minn qabel li ser jirrapportaw lil min kienu jissuspettaw li seta' kien ser iwettaq xi att illegali, 'ssa ma baqgħalhom ebda nċentiv għax għamlu x'għamlu xorta ma sewa għal xejn!

Jien nemmen li fil-ħajja ma jistgħax ikollok kollox. Irid ikun hemm bilanċ anki bejn żewġ partijiet li filwaqt li jidhru minn barra li huma dijametrikament opposti, għadni nemmen li hemm bosta fatturi li għandhom in komuni. Ibda biss mill-imħabba li għandhom għall-għasafar u kompli bl-importanza għaż-żewġ naħat li jkun hawn kemm jista' jkun kampanja li toffri abitat wiesgħa għall-biodiversità vasta kemm jista' jkun.



Il-fatt li l-Birdlife Malta (BLM) 'llum timmanipola lill-Kummissjoni Ewropea (KE) tant li ġabitha qisha pupazz tagħha u temmen kull ma tgħid il-BLM u minkejja li l-istess Ewropa li tant hija perfetta, li kważi tista' taħseb li għandha xi don supernaturali ġej minn xi entità divina, tara kif iddawwar l-affarijiet biex tasal għall-għan aħħari tagħha, huwa stat veru meskin.

Din l-istess Ewropa li baqgħet siekta mingħajr ma lissnet kelma waħda qabel ir-referendum għad-dħul fl-Unjoni, meta l-Gvern ta' dak iż-żmien kien qed jgħid lill-kaċċaturi u nassaba li kien irranġa kollox mal-Kummissjoni Ewropea u li konnha ser inkomplu noħorġu għall-kaċċa fir-rebbiegħa u nonsbu għal tal-għana, issa trid titkellem u ddawwar id-diska? Għaliex ma qalitx il-verità dak iż-żmien? Għaliex ma ħallietx lill-poplu Malti u Għawdxi jiddeċiedi hu bil-fatti veritieri u mhux bil-gideb li kienet qed tisma u li għażlet ma titkellimx dwarhom? Din ma kienet xejn iktar ħlief aċċettazzjoni taċita li biha l-istess Kummissjoni kompliet mal-Gvern ta' dak iż-żmien biex qarraq b'ħafna kaċċaturi u nassaba li għogobhom jemmnu lilhom u mhux lill-Federazzjoni.

Illum ninsabu fejn ninsabu, però, nemmen li kbirna ftit u tgħallimna ftit ukoll. Fejn sejrin immorru jiddependi minn ħafna fatturi. Imma kull min għandu ftit melħ u jisma ċerti stqarrijiet umbagħad jara lil dawn il-gżejjer fuq xi mappa tad-dinja, mqarr waqt xi rapport tat-temp fuq stazzjon Ewropew, u jipprova jfittixhom u wara ftit jinduna li sparixxew taħt xi linja ta' pressjoni għolja jew baxxa jista' jgħid bejnu u bejn ruħu, possibbli li hawn qed jinqatlu l-għasafar kollha tad-dinja? Jew xi ħadd qiegħed jipprova jidħaq binha?

Diment li Alla jagħtini s-saħħa, jien nibqa' hemm 'xi mod jew ieħor biex nagħti sehmi fl-aħjar interess tal-kaċċa u l-insib bit-tama li jerbaħ is-sens kommun u jkollna sitwazzjoni stabbli li tagħti lok għall-kaċċa limitata fuq il-gamiema u s-summiena fir-rebbiegħa kif ukoll staġun xieraq għall-insib tal-għana b'mod sostenibbli filwaqt li tilħaq l-għanijiet kollha meħtieġa ta' konservazzjoni kemm tal-ambjent kif ukoll ta' ispeċi.

Ma nistgħax ma nikkritikax bis-saħħa kollha lil kull min jikser il-liġi, kemm b'mod żgħir imma agħar meta nitkellmu fuq illegalitajiet fuq speċi protetti. Dan għamlilna ħsara kbira għal ħafna snin u filwaqt li, kif għidt iktar il-fuq naqas drastikament, għad fadal xi ndividwi li jaħsbu li huma l'fuq mill-liġi. Ma nafx eżatt x'jgħaddi minn moħħom, però żgur li m'għandhomx għal qalbhom il-veru kaċċa u nsib. Għadna nbagħtu l-konsegwenzi sa'llum ta' atti li qatt ma jmisshom seħħew u dejjem qatawlna saqajna kull meta mxejna xi pass il-quddiem.

Jien, illum ħdimt mingħajr biża jew preġudizzju fi ħdan din l-organizzazzjoni, affavur in-namra tal-kaċċa u dik tal-insib għal iktar ninn erbgħajn sena u għent għaqda li ma jaf biha ħadd tikber għall-ikbar għaqda mhux governattiva fil-gżejjer tagħna. Organizzazzjoni li saret l-isem tal-għaqda li tiddefendi l-kaċċa u l-insib mhux biss fil-gżejjer tagħna 'mma wkoll fid-dinja kollha. Ta' dan inħossni kburi mhux ftit.

Tlieta u tletin sen'ilu konnha tfal li ma jafna ħadd fiċ-ċirkoli Ewropej u globali, 'żda 'llum kulħadd jaf min aħna u ksibna r-rispett kullimkien kull fejn morna u dan, minbarra l-prestiġju personali, għamilnih f'ġieħ l-Federazzjoni u kull kaċċatur u nassab Malti u Għawdxi.

Illum nisma xi kummenti li hemm bżonn li l-FKNK taqbeż għat-tragwardi li jmiss u anki forsi hemm min forsi xeba' jara l-istess uċuħ. Ma jimpurtax, dak hu l-progress u żgur li mhux ser inkun jien li nostakola tali mixja, speċjalment ta' din l-organizzazzjoni li tant inħobb u li tatni mumenti li ma ninsihom qatt bħal meta erbaħna r-Referendum Abrogattiv dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa. Dan wieħed minn ħafna mumenti li seħħew tul dawn is-snin kollha. Il-parteċipazzjoni tiegħi u ta' sħabi fil-fora u programmi li rrapprezentajt lilkom u lin-namri li tant huma parti minn ħajjitna. Il-protesti tad-disgħajnijiet il-kawzi li dħalna fihom f'isimkom u nista' nibqa sejjer, imma dawk minnkom li għandhom ftit tas-snin jew li jħobbu jaqraw xi materjal li ppubblikat l-FKNK żgur li jafuhom.

Ser nieqaf hawn u filwaqt li ser inkun qiegħed ngħaddi t-tmexxija ta' l-FKNK lil persuna li dan l-aħħar rawwimna sabiex tkun ippreparata, kif jien ċert li hi, għal dan il-għan inħossni ċert li l-Federazzjoni ser tkompli tasal għal tragwardi ġodda b'Kunsill ftit iktar żgħazugħ. Lucas Micallef illum huwa l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-FKNK. Jien ċert li sa'llum kulħadd minnkom jafu u jew iltaqa' miegħu jew rah fuq xi program jiddefendi s-suġġett.

Lucas huwa persuna edotta ferm fuq is-suġġett u dawn l-aħħar snin ġie espost miegħi u ma Lino fl-oqsma relatati kollha mportanti Ewropej u internazzjonali bħala rappreżentant ewlieni tal-FKNK.

Jien ma fadalli xejn ħlief li nirringrazzja lil kull min tul dawn is-snin ħadem flimkien miegħi sabiex irnexxilna nippreservaw dak li għandna 'llum minkejja li kull pajjiż ieħor kompla jitlef. Ma nixtieqx insemmi ismijiet peress li ma nixtieqx li nħalli lil ħadd barra. Imma ma nistgħax ma nsemmix pilastri li forsi mhux kollha tafuhom jew tiftakruhom, iżda għalija kienu flimkien miegħi t-tim li dejjem imxejna id f'id biex bqajna b'saħħitna sa'llum,

Mhux se nagħti eloġi, però ser insemmi lil Lino Farrugia, Twanny Mifsud, Richard Cilia, David Briffa, Twanny Grech, Charles Gaffiero Collins, Daniel Xriha bħala dawk li għadhom s'issa hemm jagħtu sehemhom għalikom. Ex-kollegi bħal Salvu Portelli u Colin Falzon. Joe Buttigieg, Joe Scicluna u l-Presidenti kollha li taw ħafna snin ta' ħajjithom għall-FKNK. Insemmi dawk li ħadmu kemm felħu 'żda li Alla għoġbu jgħajtilhom għal ħdejh, Alfred Zammit, Aldo E. Azzopardi, Carmenu Brincat, Alex Zammit, Victor Vella. Dawk kollha li ħadmu fil-Kumitati Distrettwali u Organizzattivi u li permezz tagħhom stajna nevolvu kif kbirna 'llum. Fl-aħħar u mhux l-inqas lil kull wieħed minnkom, anki lil dawk li 'llum għal xi raġuni jew oħra m'għadhomx membri tagħna, xorta nirringrazzjahom għaż-żmien li għamlu fi ħdan l-FKNK u flimkien ħdimna id f'id.

M'aħnix perfetti u l-kritika qatt ma naqset, imma wara dawn is-snin kollha li sena wara l-oħra ma waqafna qatt lanqas ġurnata waħda biss, inħossni verament kburi li ħallejtuni mmexxi din l-organizzazzjoni flimkien ma sħabi sabiex wettaqna pediment mibni bil-konkos u ħadid li fuqu ta' warajna jistgħu jkomplu jibnu. M'aħnix perfetti. Però kull m'għamilna għamilnih bil-qalb f'isimkom u bikom warajna għax mingħajrkom, il-FKNK ma tfisser xejn. Ftakru li s-saħħa qegħda fl-għaqda u kull tifrik jagħti skop għad-dgħjufija. Kwalunkwe negożjati li jsiru bikom kollha warajna jsiru b'saħħa kbira għaldaqstant nirringrazzjakom u m'għandix kliem biżżejjed biex ngħid li ħassejt kull darba li ħarist lura u rajt tapit ta' membri uniti flimkien.

Grazzi, grazzi, grazzi. Jien ser nibqa' attiv sabiex fejn ikun hemm bżonn nagħti mill-esperjenzi tiegħi sabiex ikun hemm kontinwità. Irrid inkun bastun ta' sapport għal Lucas u għall-FKNK sakemm il-Kunsill iħoss li nista' nagħti sehem siewi.
Insellem lil kull kaċċatur Malti u Għawdxi f'ambitu ta' kaċċa u nsib sostenibbli filwaqt li kif dejjem sħaqna, li jħaddan fih it-tradizzjonijiet soċjo-kulturali tagħna l-Maltin u l-Għawdxin.

# PASSAT, PREŻENT U FUTUR

minn Lucas Micallef

Fejn hemm kontinwità ser ikun hemm progress, u proprju hekk qed isir fi ħdan il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjoniti (FKNK). Dan mhux it-tmiem imma bidu ta' kontinwità għaqlija li tkompli grazzi għas-snin ta' servizz li ta Joe Perici Calascione, waqt li kellna diffikultajiet kontinwi, naraw li bit-tajjeb u l-ħażin dejjem bqajna għaddejjin u ma waqafna qatt.

Li hu żgur hu li ser inkomplu naħdmu bla waqfien, biex naraw l-aħjar għad-delizzji tagħna kemm fil-preżent u kif ukoll fil-futur ġejjieni. Żgur li Joe ser jibqa' jkun ta' spalla u għajnuna kif dejjem kien għall-FKNK, fejn ta' dan ngħidlu pubblikament GRAZZI.
Ser nassigura li waqt il-presidenza li ser ikolli, ser nidderiġi biex flimkien ma sħabi tal-Kunsill ser naċċertaw li inkunu aktar qrib il-membri, filwaqt li nħaddnu aktar kommunikazzjoni diretta informattiva dwar dak li jkun għaddej, kif ukoll għal dak ġejjin. Forma ta' laqgħat f'diversi lokalitajiet, kif ukoll irridu nakkomodaw lill-membri kollha ta' madwarna b'elementi ta' kommunikazzjoni kollha possibbli.

Ser inħaddnu pjan, pjan li ser iservi bħala direzzjoni ta' fejn irridu naraw l-FKNK fi ftit żmien ieħor. Nibqgħu nkunu l-vuċi tal-kaċċatur u nassab Malti u Għawdxi, kemm f'parametri lokali kif ukoll dawk internazzjonali.
Dan filwaqt li nassiguraw li jibqa' ikun hemm narrativa lill-pubbliku rigward l-impenn u dedikazzjoni lejn l-ambjent ta' madwarna bħala gwardjani tal-biodiversità li nħaddnu.

B'hekk l-FKNK ser tassigura u twiegħed li ser tibqa' l-akbar għaqda mhux governativa fis-soċjetà Maltija, l-akbar partijiet interessati f'dak li jirrigwardja l-Ambjent u Konservazzjoni grazzi għar-rappreżentanza ta' eluf ta' kaċċaturi u nassaba li tħaddan. Dan jibqa' dejjem possibbli għall-affiljazzjonijiet ferm importanti li għandha l-FKNK f'dak internazzjonali, fejn tibqa' leħen fl-ambitu soċjo-kulturali li nħaddnu aħna fil-Gżejjer Maltin.
Ma irridu qatt li l-komunità tagħna tkun mħarsa minn ħaddieħor bħala komunità terza, imma irridu nuru li aħna nies responsabbli u għandna kull dritt neżerċitaw il-prattika soċjo-kulturali tagħna li iħaddnu kultura kif ukoll aspett ta' identità.

Magħtul is-sena l-FKNK tkun għaddeja b'xogħol kontinwu, kemm dak ta' natura lokali u dawk internazzjonali. Is-settur tagħna tal-kaċċa u l-insib hu wieħed vast… vast fis-sens li iħaddan u jolqot diversi setturi madwarna; inkluż l-Ambjent, Kultura, Edukazzjoni, l-aspett Legali, Armi, Sport, Ħarsien għall-Annimali, u aktar. B'hekk wieħed jista' jieħu idea ta' kemm hemm kumplessitajiet minn dak aspett amministrattiv, eżekuttiv, kif ukoll ta' aktar kumplessa meta tasal implimentazzjoni ta' inizjativa.

Il-bieb tal-FKNK ser dejjem ikun miftuħ għall-membri, min ikollu xi opinjoni jew ħsieb huwa merħba jiġi jaqsmu magħna.

Maqgħudin inkunu biex flimkien naslu.

# REBBIEGĦA - GAMIEM 1970 - 1990's

minn David Bonello

Illum ħbieb jien għandi 58 sena, la jien xi xiħ però m'għadnix żgħir lanqas. Dawk il-ħinijiet twal, ġranet u xhur li kont inqatta' għall-kaċċa, kull temp, sħana, xita, riħ, kesħa m'għadnix nagħmilhom. Dan ir-rakkont huwa aktar ibbażat fuq ġrajjiet, esperjenzi tiegħi jew ġrajja partikolari li niftakar jien ta' tfajjel u aktar tard żagħżugħ fl-istaġun sabiħ tal-gamiem. Pases tal-Gamiem kont ixxurtjat li nzertajthom, rajthom u esperjenzajthom. Memorji li jibqgħu ċari ġo moħħi u anke qalbi sakemm jibgħat għalija l-bambin. Iż-żmien li gawdejt jien flimkien ma missieri wieħed ma jistax iqablu żgur ma żminijiet in-nanniet tagħna. Minn ġenerazzjoni għal oħra dejjem tisma' kif inbidel iż-żmien, kemm naqas ċertu tajr, fosthom ukoll anki kemm naqset il-gamiema.

Dak iż-żmien u min għandu l-età tiegħi jiftakar sew ukoll kemm il-klima u tempijiet kien differenti minn tal-lum, wieħed jista' jgħid illi l-istaġuni nqelbu kompletament.

Fl-opinjoni tiegħi wkoll fatturi li affettwaw il-pases tal-gamiem maż-żminijiet jinkludu; il-bexx, il-kaċċa bla rażan f'pajjiżi barra minn xtutna u minn fejn tpassi l-gamiema, bini ma kullimkien, u dwalijiet eċċessivi ma' kullimkien. Niftakar nistennew it-tbassir tat-temp fuq it-televiżjoni, avolja dak iż-żmien it-teknoloġija ma kinitx avvanzata daqs illum, u mhux l-ewwel darba jisbaħ b'riħ l-oppost it-tbassir. Meta t-temp kien galbu, jiġifieri mill-Grigal, Xlokk u anke mil-Lbiċ, kien jibda ħa ngħidulu hekk il-paniku u l-eċċitament kbir għall-għodwa li jmiss.

Niftakar minn filgħaxijiet it-telefown ma jiqafx, kulħadd iċempel lil xulxin, ħbieb u membri stess tal-familja kaċċaturi biex jiftiehmu għall-għada. Dan sabiex jiltaqgħu kmieni sew filgħodu, ġeneralment kien ikun għall-ħabta tat-tlieta u nofs jew l-erbgħa ta' filgħodu, jew għand l-Olimpik Bar il-Mosta jekk ikun bir-riħ isfel biex imbagħad jerħulha għal Ras il-Pellegrin limiti ta' Fomm ir-Riħ jew inkella għand Pawlu l-Pagna, Burmarrad jekk ikun lejn il-Lbiċ, biex imbagħad jitilgħu l-Wardija. Kont nitbikkem sew meta it-temp jiġi galbu matul il-ġimgħa, dan għaliex kelli l-iskola. Ma kontx irrid infalli ġurnata waħda, hemm biss kien moħħi, biex inkun fl-ambjent għall-kaċċa mal-Pa. Minn dejjem kont nara x'ser nivvinta biex nikkonvinċi lil missieri u anke lil ommi biex infalli l-iskola sabiex immur miegħu għall-kaċċa. Ma ninsa qatt il-biki li bkejt u xi daqqtejn mingħand ommi ma naqsu qatt. Meta kien ikun imissni skola missieri kien jipprova ma jurinix, allura kont nosservah minn wara l-bieb fejn kien iżomm it-tagħmir tal-kaċċa, jipprepara l-barżakka, dejjem ibbatmata bl-iskrataċ, senter jew tnejn għal li jista' jkun.

Kont noqgħod attent ukoll għall-ammont ta' skrataċ li kien qiegħed jipprepara, dan għaliex kont ninduna li missieri kien qiegħed ibassar xi passa tajba. Kellu basket apposta fejn kienu joqogħdu tużżana kaxxi skrataċ oħra, kien jagħżilhom ukoll skont it-temp u fejn kien ippjanat li sejjer. Jien bid-dmugħ f'għajnejja u qalbi tħabbat mija mija '...tgħid jeħodni miegħu għada l-Pa?". Niftakar sew qisu lbieraħ meta kont inkun fil-klassi u naf li missieri kien qiegħed hemm għall-kaċċa, jien kas ta' xejn għal-lezzjonijet, inħares biss lejn it-tieqa tagħti għal barra, niċċassa lejn l-ajru, lejn is-sħab, jew nipprova nara nilmaħx xi tajra, u bejni u bejn ruħi '....tgħid qiegħed jara xi ħaġa l–Pa...tgħid spara llum?'. Malli ddoqq il-qanpiena tal-iskola biex immorru lura d-dar flok immur nilgħab il-futbol ma' sħabi, kont nitlaq niġri kemm niflaħ lejn id-dar, dan sabiex forsi nilħaq il-Pa u nsaqsih x'għamel, jekk rax gamiem, jekk sparax. Meta ma nsibux hemm għax ikun diġà telaq għax-xogħol, l-ewwel ma kont nagħmel niftaħ il-friża biex nara hemmx gamiem. Niftaħ il-borża tal-plastik u nifrex il-gamiem fuq il-mejda biex ngħoddhom '...iva, 27 qabad dalgħodu...kemm nixtieq kont miegħu!'
Xi demgħa ma kienet tonqos qatt ħbieb.





Mela issa waslet ġurnata minnhom meta jiena kelli l-età tiegħi u stajt inkun hemm magħhom, riħ jonfoħ kemxejn sħun mix-xlokk, bl-irxiex ukoll, 'Kemm hu sabiħ dalgħodu, tgħid naraw xi żewġ?, tgħid nisparaw?' Naslu lkoll fuq il-post bejn it-tlieta u nofs jew l-erbgħa ta' filgħodu. Kulħadd jibda jarma, eċċitament kbir. Kulħadd erħielha għal ġod-dura tiegħu – għadu ma sebaħx imma xi tir diġà beda jinstema', aktar ma beda jisbaħ, aktar it-tiri jiżdiedu. Beda ġej il-gamiem tiela' minn max-xifer, żaqqu mal-art, taraħ u ma taraħx, kultant tilmaħ dak l-abjad ta' sidru jkanġi mal-griż lewn skur tal-blat xagħri, iġennek. 'Iva teftifa, naħseb fiha tletin gamiema. Nitbaxxa sew ġewwa dura, jekk jista' jkun inħares bejn il-ġebel tal-gargazza, nlesti l-pużizzjoni sewwa fuq il-ġebla li qiegħed bilqiegħda fuqha, is-senter Breda tal-molla lest armat, mimli, l-ewwel skartoċċ ċomba 10, l-oħrajn ċomba 7, 8 u l-aħħar tiri ċomba 6. Fil-pront, 'Ilqa' George, ilqa' Godwin, ilqa' Steve, Twanny, ilqa' Bunell, kulħadd jgħajjat wieħed lill-ieħor... pum pum pum pum!' 'Iva waqqa' ħamsa żgur il-Pa,'Pum pum pum Godwin...gerbeb erbgħa oħra żgur... pum pum pum Twanny u Steve minn ġod-dura tagħhom, żammew ħamsa oħra żgur...pum pum pum... George ngħabar ukoll', Naqra oħra Bambin u kont ħa nispara jien ukoll... 'Pum pum pum... rajt erbgħa jaqgħu żgur. Mort niġri nfittex u ġbarthom. Fil-pront Godwin (iż-żiju)qalli 'David hemm tnejn oħra żgur mejta'. Komplejt infittex u kellu raġun, sibthom ukoll. B'kollox ġbart sitta.

U din imsemmija hawn fuq ħbieb tiegħi kienet biss rakkont qasir dwar teftifa gamiem waħda biss minn tant teftif ieħor li esperjenzajt biex timmaġinaw ftit meta kien jiġi l-gamiem.

**Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti - FKNK**
**138, Triq il-Kunċizzjoni**
**Msida MSD 1831**

**FKNK**
**P.O. Box 26**
**Sliema SLM 1055**

**www.huntinginmalta.org.mt**

**info@huntinginmalta.org.mt**

**Editur:**
**Lucas Micallef**

**Disinn:**
Ability Publications Ltd
2124 1317

**E:mail:**
abpublicationsltd@gmail.com

**Stampar:**
**Gutenberg Press**

# EDITORJAL

Kif nafu ż-żminijiet jinbidlu, biss matul dan l-aħħar deċennju, rajna diversi fatturi jinbidlu b'mod mgħaġġel ħafna. Iż-żminijiet jinbidlu ħesrem, hekk kif ġara waqt il-pandemija li laqtet l-umanità fuq skala globali. Kellna naddattaw malajr għal norma ġdida, norma li bidlet ħajjitna mil-lejl għan-nhar. Fejn fost ħafna, il-pubbliku inġenerali sar jagħraf l-importanza għal saħħtu u sar japprezza aktar in-natura ta' madwarna.

Għall-kaċċatur u n-nassab ir-rispett u l-apprezzament għan-natura ta' madwarna ma ġietx illum, imma titħaddan għal kull persuna li tipprattika l-kaċċa u l-insib. Matul is-sena kollha, irrelevanti jekk ikunx miftuħ jew le l-istaġun, id-dilettant dejjem ikun parti min-natura ta' madwarna, sew jekk marx isaqqi jew iħawwel xi siġra, jirranġa xi ħajt tas-sejjieħ, jimxi mixja bil-kelb, jew saħansitra jindokra l-ambjent biex ikun ta' benefiċċju li tħaddan il-flora u fawna għall-ekoloġija ta' madwarna.

Biss lil hinn minn dan kollu, xorta l-immaġini tad-dilettant inbidlet, u dan hu kollu sforz ta' pubblikazzjonijiet fil-midja li fost ħafna jkunu skorretti, imma jaslu li jqajmu sensazzjonaliżmu fuq l-opinjoni pubblika.

Sfortunatament is-suġġett tal-kaċċa u l-insib, dejjem kien wieħed kontroversjali, illum aktar minn qatt qabel u b'hekk dejjem kien ta' interess partikolari għall-edituri u pubblikaturi ta' aħbarijiet kemm fuq skala lokali u anki internazzjonali. Aħbarijiet li jqajmu sensazzjoni u emozzjoni, illum il-ġurnata jinxterrdu malajr speċjalment fuq il-midja soċjali, fejn xi drabi tista' xxerred xniegħa fattwali u mhux, madwar l-erba' rjiħat tad-dinja. Mill-bidu tal-istorja tal-evoluzzjoni tal-bniedem, fejn l-użu ta' rizorsi naturali kienu parti ferm importanti għall-umanità, rajna wkoll il-prattika tevolvi b'mod mgħaġġel.
Illum il-ġurnata d-dilettant sar jagħraf aktar l-importanza tas-salvagwardja għall-ambjent ta' madwarna, kif ukoll li jaċċerta ruħu li jipprattika d-delizzju tiegħu b'mod sostenibbli, u b'hekk jassigura futur b'saħħtu għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Għalkemm illum il-ġurnata hemm aktar responsabbiltà mhaddna mid-dilettant, u għandu l-obbligu li jissalvagwardja l-abitat għall-ekoloġija ta' madwarna, fejn saħansitra anki l-Kummissjoni Ewropea kienet għarfet li l-kaċċa sostenibbli hija għodda importanti għall-bijodiversità, xorta llum aktar minn qatt qabel il-kaċċatur (u hawn nagħmlu referenza wkoll għan-nassab) jidher bħala immaġini negattiva, immaġini ta' persuna li jagħmel x'jagħmel huwa ħażin.

Għalhekk, aktar minn qatt qabel għandna nkunu aħna, li fost is-7,000,000 kaċċatur fl-Unjoni Ewropea nuru x-xogħol siewi li nagħmlu ta' kuljum. Irridu nkunu aħna li nippubblikaw u nuru dak li veru nagħmlu, u kemm għandna għal qalbna l-ambjent ta' madwarna.

Li ngħidu li 'għandna dritt', u nkunu reattivi ma' min ma jifhimx il-prattika, ma aħna ser naslu mkien, imma rridu nfissru b'mod xieraq lil dawk ta' madwarna l-verità tal-passjoni tagħna.

Din il-publikazzjoni ta' Mid-Dura, li hija ppubblikata mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), fejn l-ewwel edizzjoni ser tkun imqassma b'xejn f'diversi ħwienet madwar Malta u Għawdex, ser tħaddan aktar kontenut informattiv relatat kemm direttament u mhux, mal-passjoni tant għal qalbna. Irridu nkunu aħna li nassiguraw futur xieraq għall-passjoni tagħna, u nħaddnu bilanċ siewi li ser iwassal biex negħlbu d-diffikultajiet u l-isfidi kontinwi li jaffaċċja d-delizzju tagħna. Ma nistgħux naqtgħu qalbna u nċedu, li kieku ta' qabilna għamlu hekk ilna li tlifna kollox. Ma nkunux baħħara tal-bnazzi, imma dilettanti uniċi, li l-prattika għalina mhux passjoni biss imma parti minn ħajjitna li hu l-obbligu tagħna biex ngħadduha lil ta' warajna hekk kif għamlu l-antenati tagħna.

## Għamel parti MID-DURA

Jekk hemm xi suġġett partikolari relatat direttament jew le mall-kaċċa, insib, jew ambjent u tixtieq taqsam storja jew tixtieq tikteb artiklu għall-edizzjonijiet tal-pubblikazzjoni MID-DURA ġejjiena, ikteb fuq pro@huntinginmalta.org.mt

# SIĠAR U PJANTI GĦAL ĠOL-GUVI MALTIN

✍ **minn Arnold Sciberras**

Is-siġar u l-pjanti huma organiżmi interessanti kif jistgħu jiġu utilizzati biex isebbħu l-ambjent. Bħal ħafna ħlejjaq oħra, hawn ħafna speċi slavaġ li evolvew għal ekosistemi marbutin magħhom, skont il-klima li joħolqu u jgħixu fiha. Il-bniedem għaraf dawn il-kapaċijiet u s-sbuħija ta' diversi speċi li huma attraenti, u rnexxielu jkattar bosta u jikkultiva varjetajiet li ħoloq hu. Bħal ħlejjaq oħra li meta jitfaċċaw bi sfidi ġodda, siġar u pjanti huma ta' meravilja, kapaċi jaddattaw għal tibdil fl-ambjent ukoll.

Ħafna mill-pjanti kkultivati f'Malta, apparti dawk is-siġar tal-frott u ħxejjex tar-raba' għall-konsum tal-bniedem u bhejjem, jintużaw għat-tiżjin, fil-qsari tal-fuħħar jew plastik, jew mal-art fil-ħamrija, f'xi bitħa, ġnien, parapett, ġewwa fil-kċina jew fuq il-bejt. U skont l-ispeċi, skont kif tikber, kemm tiflaħ għar-riħ u xemx titqiegħed f'wieħed minn dawn il-postijiet fir-residenza. Però timmaġinaw li jitħawlu siġar u pjanti ġo guva mimlija għasafar?

Forsi tinstema' possibbli ħafna. Faċli li jitħawlu ġo ġnien mimli għasafar, però kemm jgħixu trid issaqsi. Dan jiddependi wkoll kemm ikollok għasafar ukoll. L-awtur skopra kemm hu diffiċli biex tgħajjex xitel hawn imma mhux impossibbli. Għasafar ta' kull għamla u lewn mid-dehra għandhom waħda ħaġa komuni, apparti rix; kemm iħobbu jnaqqru. U l-weraq huma vittmi tat-tnaqqir. Huwa forsi impossibbli nimmaġinaw li dawn l-organiżmi ħelwin kapaċi joqtlulek arbuxell jew siġra, imma hekk hu. Allura dan fis-selvaġġ kif ma jseħħx? Iseħħ, xorta jnaqqru, imma barra jkun hemm ħafna speċi ta' xitel u kwantitajiet t'arbuxelli u siġar fejn jistgħu jirgħu, bosta li qabli ma jistgħux isibu ġewwa. L-għasafar inaqqru għall-kurżità, għall-ikel u biex igorru għall-bejta. Fuq l-istess speċi tas-siġar u arbuxelli fis-selvaġġ ikun hemm tnaqqir, imma bi ftit u mhix dik il-konċentrazzjoni ta' għasafar, allura tingħata ċ-ċans li tkompli tikber, iżda mhux hekk hu l-każ fil-magħluq.
Ħafna mid-delettanti tat-trobbija tal-għasafar isibuha impossibbli biex ikollhom xi forma ta' ħdura ġo guva. Dan għax fil-magħluq l-għasfur dejjem se jnaqqar in-nebbieta mill-istess xitla jew siġra u ma jagħtihiex ċans tirkupra, speċjalment meta jkun hemm ammont kbir ta' għasafar fl-istess guva. Allura ħafna jispiċċaw joqogħdu jbiddlu bil-friegħi taż-żnuber (għax iservi fit-tul), qasab biex iħajru n-namra tal-għasfur, però għal żmien temporanju, għax imbagħad jinxef kollox.
Ironikament, l-għażla ideali ta' xitel u siġar li jistgħu jitħawlu ġo guva huma speċi velenużi, allavolja xi whud ibatu wkoll. Pjanti velenużi għandhom diviża tajba, però xorta waħda xi forma ta' tnaqqir isir, imma limitat ħafna, għax l-għasfur jilħaq jinduna li velenużi. Donnu l-għasafar huma reżistenti wkoll għall-velenu, sa ċertu ammont. Ftit tnaqqir mhux ħa joqtol lill-għasfur u dan malajr jinduna, u fl-istess ħin is-siġra jew l-arbuxell jibqa' b'saħħtu.

L-esperimenti ta' dan l-istudju saru fi ġnien magħluq li fih 'il fuq minn 60 pied tul u b'14-il pied wisa' u 18-il filata għoli. Jospita fih 'il fuq minn 80 speċi t'għasfur. Ġew provati 'l fuq minn100 speċi ta' siġar u arbuxelli li huma komuni għall-gżejjer Maltin.



Fost l-arbuxelli li l-awtur sab adegwati huma dawn li ġejjin: L-ispeċi tat-Tengħud; Euphorbia dendroides (Tengħud tas-siġra), Euphorbia canariensis, Euphorbia grantii u Euphorbia milii; L-Oleandru (Nerium oleander),

Il-Karissa (Carissa macrocarpa) u Franġipani (Plumeria rubra) mill-familja Apocynaceae; u l-Ilsien in-Nisa (Dracaena trifasciata syn. Sansevieria trifasciata) fil familja tal-Ispragg (Asparagus).

It-Tengħud (Euphorbiaceae) għandhom likwidu abjad mimli kimiċi tossiċi li jistgħu jkunu irritanti għall-għajnejn u l-ħalq. L-Oleandru u pjanti fil-familja tiegħu għandhom kimiċi li ġeneralment jgħaġġlu r-ritmu tat-taħbit tal-qalb. L-Ilsien in-Nisa hija magħrufa li velenuża għall-qtates u l-klieb, però l-weraq imlaħħmin u fibrużi jipprevjenu ħafna mit-tnaqqir.

It-Tengħud tas-Siġra huwa arbuxell kbir u indiġenu għall-gżejjer Maltin u fil-Mediterran, dominanti f'ċerti nħawi f'Malta. Fil-guva tal-awturi kien l-unika speċi li ma ġiex mittiefes. L-ispeċi l-oħrajn huma eżotiċi għal Malta u għall-Mediterran, frekwenti bħala ornamentali f'Malta. Importanti wkoll li x-xtieli jiġu mħawla mkabbrin, għax hekk jingħata iktar ċans lill-pjanta biex tgħix. Irridu nżommu f'moħħna, apparti t-tnaqqir u l-ħmieġ regolari tal-għasfar fuqhom inaqqas il-fotosintesi u jżid ħafna l-aċidità tal-ħamrija li jridu jgħixu fiha u minnha.

**Ħajr**
L-awtur jixtieq irodd ħajr lil Jeffrey Sciberras talli provda l-informazzjoni botanika meħtiega.



# IL-FENEK SALVAĠĠ - IL-KULUR

✍ minn Ian Falzon

Fl-artiklu ta' qabel (Diċembru, 2019) tajna titwila lejn il-fenek salvaġġ f'Malta u xi informazzjoni ġenerali. Illum ser nidħlu iktar fid-dettall dwar l-apparenza ta' dan il-fenek u xi partikolaritajiet li wieħed jista' jinnota.

Meta wieħed jilmaħ fenek fil-kampanja, waħda mill-affarijiet li jispikkaw huwa d-denb. Id-denb tal-fenek salvaġġ hu skur minn fuq filwaqt li abjad ċar minn taħt. Ir-raġuni wara dan hu maħsub li hi sabiex jibgħat sinjal lil xi predatur li dan intlemaħ u l-predatur b'hekk jaqta' qalbu u jiskoraġġixxi li jkompli jippersegwitah. Infatti meta fenek jinħasad jew ikollu suspett dan jitwaqqaf u jgħolli denbu. U b'hekk jikxef l-abjad ta' taħt. L-istess jiġri meta l-fenek jitlaq jiġri. Sintendi, dan is-sinjal jarawh ukoll il-fniek l-oħra li jkunu fil-qrib u hekk huma wkoll ikunu mwissija dwar il-periklu.

Bħad-denb, iż-żaqq hi wkoll ta' kulur ċar. L-ewwel funzjoni hi bħal dik tad-denb; il-fenek jitwaqqaf biex josserva u jikxef żaqqu ċara. It-tieni funzjoni hi dik ta' camouflage. Il-fatt li l-annimal ikun taħt ċar jgħin biex inaqqas il-kuntrast tad-dell li jonħoloq meta d-dawl ikun ġej minn fuq (mix-xemx jew mill-qamar.)

L-aħħar punt li ser nitkellmu fuqu hu propju l-kulur prinċipali tal-fenek. Il-fenek salvaġġ Malti jista' jkun ta' żewġ kuluri predominanti; il-griż u l-aħmar (jew isfar kif isibuh f'ċertu nħawi). Dan il-fattur hu interessanti mil-lat bijoloġiku għaliex filwaqt li f'pajjiżna fniek ħomor huma komuni, mhux hekk f'pajjiżi oħra fejn dan jidher kultant bħala anomalija. Interessanti wkoll il-fatt li għalkemm bejta jew inħawi jkun predominanti ċertu kulur, l-istess bejta toħloq iż-żewġ kuluri. Apparti d-differenza evidenti fil-kulur ġenerali, ta' min jinnota li filwaqt illi l-fenek griż ikollu roqgħa ħamranija fuq għonqu u truf tal-widnejn suwed, l-aħmar ma jkollux iswed u truf ta' widnejh ikunu ċari ħafna.

Fattur li seta' wassal għal din l-okkorenza huwa l-pressjoni tal-predaturi, u l-fatt li l-ambjent Malti hu pjuttost ċar jista' joffri vantaġġ lil ilwien ċari. Infatti, anke l-fniek griżi li huma simili għal dawk ta' pajjiżi oħra, huma wkoll kemxejn iktar ħamranin. Fatt li ġie nnutat iktar minn mitt sena ilu mill-professur Andrew Leith Adams. Però dan il-fatt diffiċli jiġi provat.

Il-kulur hu wieħed mill-fatturi li jagħmel il-fenek salvaġġ ta' Malta partikolari u għalhekk għandna nkunu rispettużi u napprezzawh. Hija ħasra li f'ċertu lokalitajiet intelqu fniek domestiċi li wasslu biex titniġġes il-ġenetika u llum nosservaw fniek b'kuluri mhux naturali jew baqrin.

Min jixtieq jikkuntattjani b'kummenti jew informazzjoni nistiednu jibgħatli ittra elettronika fuq: ian.falzon@mcast.edu.mt





# TNISSIL MINN TAŻ-ŻEBBUĠ HAWN MALTA

minn Roderick Abela

L-ewwel darba li rnexxieli nnissel minn taż-Żebbuġ kien fl-2007. Sakemm irnexxieli nnissel minnhom tkellimt ma' diversi dawk imsejħa veterani li kienu tawni parir ma naħlix ħin għax taż-żebbuġ ma jżoqqux il-frieħ tagħhom u dejjem joqtluhom. Jiena għidt mal-ewwel li din ma tagħmilx sens u rrid niskopri għaliex kien hemm diversi dilettanti li kellhom taż-żebbuġ ibidu u saħansitra anke jfaqqsu iżda rarament smajna min inissel minnhom b'suċċess. Jiena għamiltha l-missjoni tiegħi li nnissel minn dan l-għasfur meraviljuż u wara diversi riċerki minn breeders barranin u esperimenti li għamilt jien, irnexxieli niskopri għall-ewwel darba kif innissel minnhom.

Meta nirrakkonta x'kien l-ingredjent prinċipali nieqes biex wieħed inissel minnhom ngħid illi kien l-imżaqq addattat għal meta jfaqqsu. Fuq forum Taljan fuq l-internet qrajt esperjenza ta' wieħed Taljan li kien qal propju hekk: Taż-Żebbuġ għandhom erba' sigrieti biex tnissel minnhom: 1. Dud, 2. Dud, 3. Dud u 4. Dud. Dikjarazzjoni bħal dik ma tantx fiha fiex titfixkel. Kien propju dan li għamilt: rajt minn fejn ser nakkwista dud biex inkun nista' nnissel minnhom. Dud fuq is-suq ma kienx hawn ħlief xi mealworms ħajjin li wieħed jista' jrabbi d-dar fuq l-awrofak, xi maggots tas-sajd jew inkella xi ġurati u dud ieħor li wieħed seta' jaqbad hu stess minn barra fin-natura. Però jiena għaraft li kelli bżonn sors ta' dud li kien kostanti u varjat u wara xi sentejn nipprova nimporta dud minn barra b'dan l-iskop, fl-aħħar irnexxieli nagħmel dan fil-forma li llum jaf kulħadd: dak sterilizzat u ffriżat.



B'sodisfazzjon ngħid li fl-aħħar irnexxieli nnissel minn taż-żebbuġ bejta ta' tlieta għall-ewwel darba u dan ir-riżultat tellagħni s-sema. Kontra l-parir li tawni ħafna jiena għamilt mezz kif dak li tgħallimt mill-esperjenzi tiegħi f'dawk is-sentejn esperimenti, meta finalment irnexxieli l-ewwel darba fl-2007 ppubblikajt artiklu tiegħi fuq il-Passatemp biex b'hekk ikun hemm ħafna dilettanti li jistgħu jippruvaw inisslu minnhom ukoll. Minn dakinhar nissilt 'il fuq minn 50 għasfur taż-żebbuġ tul dawn l-aħħar snin.



Però l-akbar sodisfazzjon ngħid għalija illi llum hawn ħafna breeders Maltin li rnexxielhom inisslu minn taż-żebbuġ tul dawn l-aħħar snin. Kemm jien u kemm sħabi tal-kumitat fl-Għaqda Song Bird Association Malta ħdimna qatigħ sabiex inxerrdu kemm nistgħu informazzjoni dwar it-tnissil ta' dawn l-għasafar u llum nistgħu nazzardaw ngħidu illi minn informazzjoni li għandna hawn Malta sirna wieħed mill-aktar pajjiżi illi għandu breeders inisslu minn taż-żebbuġ fl-Ewropa kollha. Naħseb taqblu li dan il-proġett kien suċċess kbir. Minn Mission Impossible sar għasfur li ta sodisfazzjonijiet kbar lil diversi breeders u qed jiġi mnissel kull sena minn daqstant breeders Maltin bħal ħafna għasafar oħra tal-għana.

Jiena diġà ppubblikajt diversi artikli dwar l-esperjenzi tiegħi fid-dettall fuq it-tnissil ta' dan l-għasfur kemm hawn Malta u anke f'pubblikazzjonijiet barranin. Dan l-artiklu xtaqt nagħmlu aktar fil-qosor bil-punti prinċipali bl-aktar punti importanti u b'għadd ta' ritratti mill-aħħar staġuni.

### Żmien it-Tnissil

Taż-żebbuġ normalment jibdew iġorru u jbidu lejn l-aħħar ta' Marzu/nofs April. Sal-aħħar ta' April normalment ikunu biedu kollha. Tinduna li ġejjin f'kundizzjoni tat-tnissil meta munqarhom jibda jiswied sew aktar ma joqrob lejn dan iż-żmien waqt li l-ġurnata tibda titwal, sakemm jiġu blu kulur iċ-ċomb. Jien nirrakkomanda li dak li jkun minkejja li jkun ħerqan biex jibda l-istaġun tat-tnissil ma jgħaġġilx żejjed biex jibda – aħjar ġimgħa iktar tard milli ġimgħa kmieni ħalli l-għasafar jiġu f'kundizzjoni sewwa u meta jibdew jingallaw mal-ewwel.

Bħala dieta għal taż-żebbuġ wieħed għandu jagħlef taħlita ta' żrieragħ matul is-sena simili għal tal-vrieden. Huma jħobbu ħafna l-għosfor, qanneb u sunflower b'mod partikolari. Jien nuża anke pellets mat-taħlita u nsibu tajjeb ħafna. Meta nibda nipprepara l-għasafar għat-tnissil jien innibbet iż-żrieragħ u nżid magħha piżelli tal-friża u dud bħal pinkies, buffalo worms, hermetia, mealworms u waxworms. Mal-istess taħlita nżid supplimenti bħal vitamini, trab tal-proteini u calcium. Taħlita ta' grit huwa importanti ħafna wkoll għal taż-żebbuġ.

Meta jfaqqsu l-frieħ f'inqas minn ġimagħtejn il-frieħ jikbru u jaqbżu mill-bejta. Għaldaqstant malli jfaqssu jibdew jikkonsmaw kwantità kbira ta' dud kuljum. L-ewwel sebat ijiem rari jmissu ikel ieħor ħlief dud biex iżoqqu u jekk ma jkunx hemm mard jikbru b'saħħithom u malajr.

### Ambjent – guvi, bejtiet...

Bħala guvi jien nuża guvi ta' żewġ metri fond b'żewġ metri għoli u tmenin ċentimetru wisa'. Però naf ħafna li ħadu anke ġo gaġeġ ta' tliet piedi u anke iżgħar. Jiena dejjem sibt li guvi aħjar minn gaġeġ u dejjem par wieħed għalihom u mhux ma' għasafar oħra.

Jiena nħalli taż-żebbuġ flimkien is-sena kollha u meta nlaqqagħhom nosserva li mhux jiġġieldu ħalli filkas nifred u nerġa' nipprova iktar tard. Ġieli jkun ġlied li anke jwassal għall-mewt. Mhux daqshekk komuni però darba ġrat lili. Importanti li tifred mal-ewwel malli tara ġlied u tħallihom viċin imma separati sakemm terġa' tipprova tlaqqa' iktar tard.



Bħala bejtiet bieqji jew gabbjetti bħal kull għasfur tal-għana. Bħala materjal biex jġorru sisal abjad huwa l-aħjar. Jien inħobb nuża nest felts minn dawk il-bojod għax bejta li jagħmlu huma ma tantx tkun xi bejta folta u sabiħa normalment. B'dawk l-felts salvajt ħafna bajd u frieħ.

### Trattamenti

Jien m'iniex veterinarju u qabel wieħed jagħti trattamenti mediċinali importanti jitkellem ma' veterinarju u ma jagħtix mediċini bl-addoċċ. Jiena mill-esperjenza u wara ħafna diskussjonijiet ma' veterinarji u breeders sibt li qabel il-breeding inħobb nagħti kors biex innaqqas il-livell tal-cocci u trattament broad spectrum għal kontra batteri oħra bħall-e-coli. Dawn l-aħħar snin żdiedu ħafna problemi ta' mard bil-fungus u anke kanċer fl-għasafar naqra kbar bħal taż-żebbuġ u kruċjati. Għalhekk wieħed tajjeb jieħu ħsieb jindirizza dawn l-isfidi wkoll permezz ta' trattamenti. Inħobb nagħti wkoll qabel l-istaġun trattament għall-ħniex darba f'sena lill-għasafar kollha tiegħi. Kull tliet xhur namministra 3 taqtiriet ta' siringa fuq għonq kull għasfur għal kontra l-ħurrieq (mites). Dan importanti li jsir kull tliet xhur u hekk ma jkollok ebda problema ta' red mites, pullagri, air sac mites u l-bqija.

Taż-żebbuġ huwa meqjus għasfur mhux faċli biex tnissel minnu. Bla dubju huwa l-aktar diffiċli minn tal-għana kollha. Però mhux xi ħaġa impossibbli. Hawn min ilu snin jipprova bla suċċess però ma jridx jaqta' qalbu dak li jkun. Irid jitgħallem mill-iżbalji li seta' għamel kull sena u jitgħallem kif jista' jtejjeb l-affarijiet għas-snin ta' wara. Ovvjament jekk wieħed jipprova iktar minn par wieħed iżid ħafna ċ-ċans li jieħu għax b'par wieħed jistgħu jiġru ħafna affarijiet li jwaqqfuk qabel tibda.

Dan l-artiklu huwa intiż biex jipprovdi informazzjoni dwar l-aktar affarijiet importanti li wieħed għandu jieħu ħsieb. Jekk wieħed jieħu ħsieb dawn l-affarijiet bażiċi ma għandux għalfejn ma jasalx xi darba jew oħra. Nawgura suċċess lil kull min jixtieq jilqa' din l-isfida sabiħa.

# MID-DJARJU TAT-TIMBA

minn Joe Farrugia

Ma damux biex waslu f'Ta' Lampuka fejn kien hemm l-imnasab u r-raba' l-ieħor li kien iħares lejn nofs in-nhar il-Lbiċ u tidher sew Filfla minn hemm, kemm għaddew minn trejqa u sqaq li kien jinfed għal hemm u waslu. Peppi niżżel il-gabjun bil-mod mal-art ħalli ma jaħsadhomx l-għasafar li ma jmorrux jitkissru, it-tibdil ta' Marzu jkun xi ftit dgħajjef għax l-għasafar isiru ħafna aktar ikkulurti minħabba n-namra li taqbadhom tar-rebbiegħa. "Ah Ġann! Ħa l-muftieħ tad-dwejra u mowr ifteħ il-beb tagħha w ġejb il-lasti" "Dwejra x'inhi Pepp?" Ġanni ma kienx tal-qatgħa u Peppi nesa. "Tinsiex Pepp li jiena ma nifhem xejn fir-raba' u trid tgħidhomli l-ismijiet u tfehemni x'inhuma wkoll ta "Ija Ġann hi għandik raġown. Dwejra kamra mdaqqsa bħal dejk ora li hemm hemm fowq, mowr għamil li għadtlek ħu paċenzja sakemm nisqi w nagħlif l-għasofor" U Ġanni mar fejn qallu Peppi u fetaħ id-dwejra għal-lasti u xħin fetaħha sab xi erba' wiżgħat jiġru mal-ħajt u waħda messet ma jdejh xħin qabad il-bieba biex jiftaħ u beda jwerżaq twerżiq tal-biża'! "Ġann!!... Ġann!! Xi ġrolok Ġann!" U mar Peppi jiġri kemm jiflaħ għax ħaseb li weġġa' Ġanni u dik kien jonqsu issa! Wasal ħdejh u sabu isfar mewt xi ħamsin pass 'il bogħod mid-dwejra bilqiegħda fuq ġebla bla nifs "Ija x'ġarolok Ġann? Weġġojt jew!?" "Le Pepp ma weġġajtx imma ħadt qatgħa kbira ta!" U beda jipponta subgħajh lejn id-dwejra u ma felaħx ikellmu lil Peppi. Peppi mar biex jara x'kien hemm u ma sab xejn, qabad il-lasti u reġa' mar fejn Ġanni. "Ija x'kien hemm Ġann għax jen ma sibt xej hemm!?" beda jistejqer Ġanni u jieħu l-kulur." Kien hemm erba' monstri Pepp!! Kull waħda daqs kukkudrill !! Ommi ma x'biża'!" "Imma f'ġieħ il-Madunna tal-Karmnow Ġann tista' tgħidlej xiż-żikk kien hemm Ġann!" Issa sar bla sabar Peppi u bilkemm ma kienx qed jagħli li ġabu miegħu .

"U jien naf kemm kienu kbar Pepp! Qed ngħidlek li tal-biża'!" U daqshekk Peppi lanqas ried ikompli jsaqsih lil Ġanni għax ħlief kemm kienu kbar u tal-biża' ma baqax jgħid. "U ija issa ejja tagħmilx għaġeb u inżel bil-mod lej il- mansob" "Jekk nibża' minnhom!" U Peppi ħallieh hemm jeqred waħdu għax sar il-ħin biex jarma x-xbieki tal-mansab u ma kellux ħin x'jaħli ma' beżżiegħ. Ġanni niżel wara xi kwarta bbalzmat u mar fejn Peppi. "Għaddielek Ġann? Qisik ħodt naqra kulowr ma' wiċċik issa!" U qabad jidħaq "Eq mhux hekk oqgħod tnejjek bija wkoll! U jien naf kemm nibża' mill-wiżgħat!" "Eeeh mela aqlagħha li kienet wiżgħa Ġann " "Weħilli lsieni dak il-ħin hux" "Ejja Ġann iss'għadda kullix! Ejja għinni nifrix ix-xibka u ora ma taħillikx saqejk fiha għax demel iġġibha eh!" "Urini Pepp imma!" "Ejja ħa narmow maloj ejja!" U firxu kollox minn hawn u minn hemm mingħajr intoppi ta' xejn, Peppi rama il-fergħa taż-żewġ fl-aħħar ħalli Ġanni ma jitfixkilx fih u jiġi aċċjomu u tiġiħ għolja l-biċċa. It-tqassim tal-għasafar kollu f'idejn Peppi u Ġanni qagħad ħdejn id-dura biex ma jtellfux u qasam fejn jidhirlu li kienu l-aħjar għar-riħ li kien, riħ kważi xejn, iserred ħafif ħafna mill-Punent il-Lbiċ baqa'. Tefa' l-aħjar Ġojjini 'l bogħod fuq il-brottijiet għoljin ħalli jiġbdu mit-tul u minn fejn ħaseb li sejrin jidħlu l-għasafar tal-passa. Griedel ġewwa u wieħed barra għal li jista' jkun għax ma kellux posthom f'Marzu l-Griedel, ekri ma tellax għax aħjar ġojjin żejjed u l-vrieden qassamhom bl-istess ħsieb għalkemm kien għadu iż-żmien għal verdun. Għeja jqassam Peppi għax kemm il-gabjetta biddel għax deherlu li dak l-għasfur aħjar mill-ieħor, in-nassab ta' veru hekk jagħmel għax hija xi ħaġa parti min-namur, imma għamel mod lesta u kien kuntent kif poġġiehom u daħal fid-dura u Ġanni baqa' barra .

Peppi rranġa l-fergħa taż-żewġ u rabtu ma' ganċ fuq wara tal-ġebla li joqgħod fuqha u ssikka kemm seta', għamel speċi ta' mħadda taħt sormu u ppostja l-lenez tal-ġogi li jkunu għal idejh, irqaqat li nassab biss jifhem u kull wieħed għandu l-fittaġni tiegħu! Peppi induna li Ġanni baqa' qisu l-Istatwa tal-Libertà barra "Ġann! Mala ċċassojt jew hemm barra!! Idħul minn hemm!" "Ija bilħaqq Pepp!" "Mowr bilqiegħd' hemm wara Ġann" U sab postu u ferrgħu belgħa kafè bil-kwiet. Peppi kien jaf li sar ħinhom l-għasafar u kien appik li jekk jidħru, jidħru minn issa 'l hemm."Saru s-siegħa Ġann" "Ma spiċċax il-kelma u jaħbtu tal-gabjetti bis-saħħa!" Oqgħud kwet Ġann naħsib li għasofor għandna!" Ġanni qas nifs ma ħa "Ora x'ġej minn isfil!" U jsib tielgħa teftifa ġojjini qishom ferħ naħal maħrub u telgħin lejh, qabad it-taħrik u urihulhom kemm refa' l-ġoga u telaqha kellu ċans u ssammru ġewwa! Ma tahx ċans jinżlu kollha u qaleb f'nofshom, il-lasti telgħin u l-ġojjini jaħbtu max-xibka! L-ewwel qalba u bil-kbir!! "Ija Ġann!! Il-ħanina kemm għasofor!! Ġejb! Aħrug il-gabjewn Ġann maloj!" U hekk għamel Ġanni u ħeles l-ewwel għasfur ta' ħajtu u kien eċitat daqs Peppi. L-għasafar maħbutin u dawk it-tnejn jeħilsu l-aħħar żewġ ġojjini." Isa Ġann idħul ġewwa maloj għax hown teftifa ddowr magħna!" Peppi qabad il-gabjun u tefgħu barra mal-ħajt biex ma joqgħodx jiġri bih u daħal, poġġa u qaleb. Ġanni ħaseb li Peppi qaleb bl-addoċċ imma kemm kien żbaljat, malli poġġa kienu diġà ġewwa!" Ejja Ġann oħruġ ejja ħa neħilsew 'l hemm!" U Ġanni reġa'! Qalbu tferfer bl-eċitament! L-ewwel nasba man-nies u kellu jinzerta passa tal-istorja. Reġgħu marru bil-gabjun fil-mansab u jagħżlu l-irġiel biss u n-nisa jrodduhom. Il-kafè baqa' fit-tazzi! Kesaħ u ħadd ma ta kasu u bir-raġun. "Reġgħu ħabtow Ġann!! Ssssss! Oqgħud kwet għax għadduw tużżona fil-ferħa niexfa tal-lewża Ġann!" Peppi kkalma, jew ipprova jikkalma għax Ġanni żgur semagħlu qalbu tħabbat. "Ejja ħi! Intalqew għal ġewwa jaħasra!" Refa' t-taħrik bil-mod u telaqha malajr u ttajret għal mal-art u nqalgħu minn ġol-lewża!" Għal ġewwa!" Qal Peppi minn taħt l-ilsien u qaleb u kebbibhom kollha madwar il-ġoga tal-ġojjina. "Ejja Ġann erġajna ħiiiiiiiiii!"

Il-passa ta' Marzu meta tinzerta li jkunu jridu jagħmlu madwar sagħtejn jew tlieta waranofsinhar u daqshekk, allura jekk tiġik tajba aħtaf il-mument u hekk għamlu Peppi u Ġanni u dan kien mument wieħed fost ħafna.

Saħħa ħuti u Ġanni aktar inġibed lejn il-ħajja tagħna.





# IL-PROĠETT TA' AFFORESTAZZJONI TAL-FKNK MAGĦŻUL BĦALA L-PROĠETT TAX-XAHAR TAL-MANIFEST TAL-BIJODIVERSITÀ TAL-FACE

minn Lucas Micallef

**Il-proġett ta' Siġar u Arbuxelli Indiġeni Maltin** amministrat mill-**Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti** (FKNK), ġie magħżul mill-**Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni (FACE) bħala l-proġett ta' dan ix-xahar ta' Marzu 2021** bħala parti mill-Manifest tal-Bijodiversità tal-FACE.

Kull xahar il-FACE tagħżel proġett ta' konservazzjoni relatat mal-kaċċa fl-Ewropa bħala l-proġett tax-xahar. Dawn il-proġetti jenfasizzaw xi whud mill-ħafna inizjattivi kbar li qed jagħmlu l-kaċċaturi biex jippreservaw il-bijodiversità.

Fl-2019, b'kollaborazzjoni ma' NGO oħra, ACT, l-FKNK ħadet sehem fi programm nazzjonali, is-Saġġar, li għandu l-għan li jħawwel 1,000,000 siġra indiġena u arbuxxelli minn stokkijiet indiġeni lokali fuq perjodu ta' 10 snin, f'żoni rurali u urbani tal-gżejjer Maltin. B'hekk, l-FKNK bdiet fuq il-proġett pilota tagħha tal-Mixtla u stabbiliet mixtla żgħira fir-Razzett tal-Bagħal (Binja rinovata tas-seklu 16, tal-Kavallieri ta' Malta amministrata mill-FKNK).

Fir-rebbiegħa tal-2020, il-Mixtla rat tkabbir mill-ġerminazzjoni taż-żerriegħa u l-propagazzjoni ta' assemblaġġ ta' *Aleppo Pine, Oak Mediterran, Bay Laurel, Buckthorn Mediterran*, u **Siġar tat-Tin, tal-Ħarrub,** *Myrtle* u **tal-Lewż.** Inkoraġġiti bis-suċċess tal-proġett pilota, sat-tieni kwart tal-2020, l-FKNK laħqet ftehim mal-Ministeru tal-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar (MECP), b'riżultat ta' liema l-FKNK issa ġiet fdata b'żona maġenb ir-Razzett tal-Bagħal li hija ideali biex isostni t-tkabbir tal-Mixtla.

F'Diċembru 2020 l-FKNK bdiet tiġbor eluf ta' żrieragħ minn siġar u arbuxelli indiġeni mill-ġonna tal-Buskett u l-inħawi. Dan il-proġett għandu l-għan li jkabar 'il fuq minn 8,000 siġra u arbuxxell fl-2021. Il-FKNK diġà qassmet (b'xejn), mijiet minn dawn is-siġar indiġeni mkabbra fuq il-post fil-Mixtla, lil kaċċaturi u membri tal-pubbliku nġenerali biex jitħawlu f'żoni rurali u urbani ta' l-għażla tagħhom, filwaqt li jedukaw u jqajmu kuxjenza dwar l-ispeċi rispettivi.



L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar il-Bijodiversità għall-2030, li tinkludi inizjattiva ġdida ta' restawr, tappella għal aktar azzjonijiet ibbażati fuq il-komunità mmexxija minn ċittadini, negozji, jew imsieħba soċjali biex jipproteġu u jirrestawraw l-ambjent naturali tal-Ewropa. Dan il-Proġett tal-FKNK juri għal darb'oħra li l-kaċċaturi u n-nassaba huma attivi u se jkunu atturi essenzjali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija madwar l-Ewropa kollha fl-10 snin li ġejjin.

### Il-Mixtla tal-FKNK f'Malta

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti – Malta (FKNK) minn dejjem kienet attiva fejn jidħlu l-ħolqien u s-salvagwardjar tal-abitat naturali u l-ambjent fil-partijiet rurali tal-gżejjer Maltin. Minħabba li hija l-akbar organizzazzjoni volontarja u parti interessata rispettiva fil-qasam tal-ambjent naturali, hija wettqet għadd sostanzjali ta' proġetti ta' konservazzjoni u inizjattivi matul is-snin, fosthom il-promozzjoni ta' siġar u arbuxelli indiġeni.



Fl-2015, l-FKNK ingħatat l-amministrazzjoni ta' razzett rinnovat li jmur lura għas-seklu 17 u li nbena mill-Kavallieri ta' Malta, magħruf bħala Tal-Bagħal. Dan ir-razzett jinsab fil-Buskett.

Il-proġett tar-**Razzett tal-Bagħal**, immexxi mill-FKNK, ikompli jiddiversifika u jżid konsiderevolment żjarat potenzjali, inklużi imma mhux limitati għaż-żjarat mill-istudenti u mit-tfal tal-iskejjel, u mit-turisti li jżuru ż-żona tal-Buskett, filwaqt li jibqa' jikkonserva l-wirt storiku tal-gżejjer Maltin. Fir-razzett hemm Ċentru tal-Interpretazzjoni u tal-Viżitaturi u Kmamar għal-Laqgħat - l-ispazji miftuħin tar-razzett jintużaw għall-osservazzjoni tal-għasafar u l-fotografija relattiva ta' għasafar migratorji, u għall-osservazzjonijiet tal-astronomija, l-unika waħda tat-tip tagħha fil-gżejjer Maltin. Wieħed isib ukoll mużew soċjokulturali ta' attivitajiet rurali tradizzjonali b'artifatti tal-kaċċa u tal-insib, u l-isfond tal-programm ambizzjuż tal-FKNK, il-proġett dwar il-Barbaġann li għal darba oħra kien l-ewwel tentattiv f'Malta biex il-barbaġann jerġa' jiddaħħal lura bħala tajra lokali għat-tgħammir, u issa l-Mixtla.

L-inizjattiva tal-**Mixtla tal-FKNK** ġiet introdotta mill-FKNK fl-2017 meta l-FKNK ippubblikat l-ewwel powster edukattiv dwar il-promozzjoni tal-fawna indiġena, li tqassam fl-iskejjel pubbliċi kollha f'Malta. Sal-aħħar tliet xhur tal-2019 ġie ppubblikat it-tieni powster relatat u reġa' tqassam fl-iskejjel pubbliċi. Dawn il-powsters identifikaw il-benefiċċji tas-siġar mil-lat tal-bijodiversità. Iż-żewġ powsters edukattivi ġew ippubblikati b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Fl-2019, b'kollaborazzjoni ma' NGO oħra, ACT, l-FKNK għażlet li tipparteċipa fi programm nazzjonali, Saġġar li l-inizjattiva tiegħu hi li jitħawlu miljun siġra u arbuxell nattivi minn stokk lokali nattiv fuq perjodu ta' 10 snin f'żoni rurali u urbani fil-gżejjer Maltin.

L-FKNK u l-ACT għalhekk ħadmu flimkien biex jimmassimizzaw il-benefiċċji mutwali billi ħolqu, organizzaw u kkoordinaw inizjattivi li se:

a. inisslu u jnibbtu siġar u arbuxelli nattivi;
b. joħolqu għarfien dwar l-ispeċijiet lokali ta' flora u l-ambjenti naturali Maltin;
c. isaġġru art privata bil-permess tas-sid tal-art;
d. u jrawmu l-amministrazzjoni permezz ta' miżuri li jibnu l-kapaċitajiet.

L-FKNK għalhekk nediet il-proġett pilota tagħha għall-ħolqien ta' mixtla u stabbilixxiet ċentru ta' xitel u pjanti fir-Razzett tal-Bagħal fejn ħawlet 'il fuq minn 2,500 żerriegħa ta' siġar u arbuxelli nattivi fi qsari individwali. Fir-rebbiegħa 2020, rat il-frott tat-tinbit u l-propogazzjoni miż-żerriegħa, fil-Mixtla tkabbru b'għadd ta' siġar taż-żnuber (Pinus halepensis), il-balluta (Quercus ilex), siġar tar-rand (Laurus nobilis), siġar tat-tin (Ficus carica), Alaternu (Rhamnus alaternus), siġar tal-ħarrub (Ceratonia silique), riħan (Myrtus communis) u siġar tal-lewż (Prunus dulcis).

L-FKNK diġà qassmet b'xejn mijiet ta' dawn is-siġar nattivi li tkabbru fil-Mixtla lill-kaċċaturi u lill-membri tal-pubbliku ġenerali sabiex iħawluhom f'żoni rurali u urbani tal-għażla tagħhom, filwaqt li edukaw u qajmu għarfien dwar l-ispeċijiet rispettivi.

B'riżultat għas-suċċess tal-proġett pilota, sa nofs l-2020, l-FKNK laħqet ftehim mal-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar (MECP) fejn l-FKNK ġiet fdata b'żona ħdejn ir-Razzett tal-Bagħal liema żona hija ideali għat-tkabbir tal-Mixtla. Iż-żona l-ġdida hija spazjuża biżżejjed biex takkomoda tajjeb iżjed eluf ta' xitel ta' siġar u arbuxelli li eventwalment ukoll se jitqassmu b'xejn lil kull min huwa interessat, fosthom lill-eluf ta' membri tal-FKNK.

Wara li akkwistat il-Permessi Ambjentali neċessarji mill-ERA, u bl-appoġġ tal-ħila ta' ACT, f'Diċembru 2020 l-FKNK bdiet tiġbor eluf ta' żrieragħ mis-siġar u l-arbuxelli indiġeni mill-ġonna tal-Buskett u mill-madwar. Bħalissa ż-żrieragħ qed jiġu mtaqqbin bit-tama li jinbtu fiż-żmien xieraq.









# IT-TNAQQIS TAL-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET SERRA BIL-BIEDJA ORGANIKA.

✍ minn Mario Joseph Salerno
li ġie ippublikat fil-ktieb Biedja Organika għal Ġejjieni Sostenibli.

Fil-prezent il-biedja b'mod ġenerali qegħda toħloq għaxra fil-mija 10% mill-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra (GHG). Dan ġej minn diversi sorsi fl-iżvilupp rurali. Fost ħafna nsibu l-uzu tal-fertilizzanti li jħalli gassijiet tqal u ta' ħsara bħal Nitrous Oxide, kif ukoll minn Methane li ġej mit-trobbija tal-annimali bħal per ezempju l-baqar. Ukoll wieħed irid jinkludi fl-inventarju tal-gassijiet serra tniġġis ieħor minn makkinarju użat fl-industrija tal-produzzjoni tal-ikel li jvarja minn Power Station tal-elettriku għal mutur tat-tinqix tal-ħaxix.
Aktar minn hekk u minn perspettiva pozitiva, il-Kummissjoni qegħda tara' li emissjonijiet mhux relatati ta' Carbon Dioxide mill–biedja se jipprezentaw 33% mill-gassijiet serra (GHG) sas s-sena 2050, jekk id-dinja se tibqa' sejra kif hini sejra bħalissa! Allura, din hija inkwetanti u huwa importanti li l-kummissjoni tieħu azzjoni biex tindirizza dan il-fenominu tal-lista' ta' gassijiet li fl-aħħar mill-aħħar se jaffettwaw il-klima u tolqotna direttament. Zgur li hemm qbil fost il-pajjizi kollha tad-dinja li xi ħaġa jrid issir sabiex jinstabu mezzi ta' kif il-biedja tinkontribwixxi lejn tnaqqis ta' emissjonijiet sabiex jintlaħqu l-miri tal-klima tal-ftehim ta' Pariġi b'mod aktar ambizzjuz. Il-biedja organika hija alternattiva!

Fil-biedja organika jew kif isibuha xi ġnus bħala biedja bijoloġika hemm prattiċi li jistgħu nnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet, li jżidu wkoll il-bijodiversita u l-fertilita tal-ħamrija, isaħħu l-protezzjoni tal-ambjent, jħarrsu l-prinċipji tal-ilma tal-pjan sottoterran waqt li jagħtu aktar dinjita lill-annimali kemm domestiċi kif ukoll dawk li nsibuhom fis-selvaġġ jew inkella fl-irziezet u l-aħħar u mhux l-anqas imbagħad igawdu l-bdiewa u l-ekonomija b'mod ġenerali. Fil-qasam tal-biedja organika jew bl-użu ta' prattiċi sostenibli fejn il-bdiewa għandhom l-instrumenti biex jatwaw approċjo lejn problema ambjentali, soċjali w ekonomika – għaliex fl-aħħar mill-aħħar l-emissjonijiet tal-ġassijiet joħolqu problemi ambjentali, soċjali w ekonomiċi u li bis-saħħa ta' dawn il-prattiċi tajba jgħinu li jkun hemm ġejjieni sostenibli għall-bdiewa. Il-prattiċi tajbin għandhom ikunu inċentivizati u mgħejjuna minn fondi pubbliċi taħt il-PAK (Politka Agrarja Kommuni). Taħt il-ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni jmissha tgħaffas fuq il-prijorita li l-uzu tal-fondi pubbliċi inkluz dawk taħt il-PAK, jwasslu għall-tnaqqis tal-emissjonijiet. Kultant fil-preżent mhux jiġri hekk! Hemm gvernijiet fl-UE li ħallew lil uffiċjali jmexxu id-diskussjonijiet tal-ftehim mal-kummissjoni tal-biedja fejn bil-fondi pubbliċi, jinghattaw għajnuniet finanzjarji lil bdiewa konvenzjonali aktar milli lil bdiewa organiċi. Matul il-perjodu 2014-2020, hemm aktar flus għal dawk il-bdiewa li jużaw il-kimika sintetika taħt l-iskema IPM – Integrated Pest Management u b'mitt ewro anqas fit-tomna għal bdiewa li japplikaw prattiċi organiċi.



Fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet, l-uzu tal-art irid jitbidel u ma jistax il-bniedem jibqa' sejjer kif hinu sejjer. Fejn jidħlu il-foresti wieħed irid jaħseb fit-tul u b'mod għaqli. L-istil tal-bidla fil-prattiċi agro-afforestali jrid jimplika prattiċi agro-ekoloġiċi. Il-kummissjoni tal-biedja trid tizgura li ta' l-anqas u l-iċken ewro tal-PAK għandu jrendi valur agro-ekoloġiku. Flok tinħarat il-ħamrija, għandu jkun hemm qtugħ tal-ħaxix u l-ħamrija tibqa' mogħtija b'saff ħaxix li hija il-bejta naturali ta' ħafna mikro-fawna u mikro-flora apparti ħniex u speċi tal-annelida li jagħtu kontribut kbir lejn in-newba tal-ħamrija, waqt li fil-qasam tas-siġar l-użanza tal-ġulbiena mħallta bix-xgħir miżrugħ fl-imsaġġar jagħti nutrijenti maġġuri li huma bil-bosta aħjar minn dawk li jingħattaw b'xi kimika sintetika. Il-manniġġ tal-kosta li jrid ikun parti integrali minn manniġġ tal-art fejn l-ekosistemi jingħattaw kull nifs biex ikattru l-bijodiversita marina u tal-kosta li huma tant affettwati minn problemi ta' żbalji agrarji fuq l-art bħal uzu kultant bla rażan ta' fertilizzanti, pestiċidi u kimiċi oħra, li jwasslu ammont għoli tan-Nitrat fl-ilma tant valorizzat ta' taħt l-art, id-desertifikazzjoni u l-għargħar fejn ammonti kbar ta' ħamrija titkaxkar mal-ilma u toħnoq l-eżistenzi ta' annimali bħal qniefed, ballotri u sriep kif ukoll ta' mikro-organizmi benneficjali, waqt li monokultura titbidel bir-rotazzjoni tal-uċuħ, titjieb tal-varjetajiet indiġeni tal-ħxejjex u tal-ispeċi tal-annimali flok infieq ta' biljuni tad-dollari fuq l-(GM) uċuħ ġenetikament modifikati. Manniġġ tan-nutrijenti bi prattiċi preċizi, strateġiji fit-trobbija tal-bhejjem li jizguraw garanzija tal-bejgħ qabel il-produzzjoni, ħarsien u titjieb tal-protezzjoni tal-annimali, manniġġ tad-demel, tnaqqis tal-iskart u reċiklaċċ fl-ekonomija ċirkulari jwasslu lejn prassi ġodda ta' sostenibilta tal-Ewropa, li minnha Malta għandha ir-rwol tagħha x'tilgħab!

It-tħassib huwa li qegħdin nispostaw il-problemi ekoloġiċi billi naħbuhom taħt it-tapit. Problemi li llum jiswew prezz X u għada se jqumu ferm aktar biex nindirizzawhom u nsolvuhom. Sas-sena 2050, jkun hemm pensjonanti ġodda li llum huma ħaddiema fl-aqwa eta tagħhom u dawk it-trabi li jitwieldu din is-sena se jkunu ħaddiema fl-aqwa ta' ħajjithom sa 35 sena oħra. Imma illum nsaqsu - Dawn il-persuni kif nriduhom jirnexxu fil-kwalita ta' ħajja aħjar jekk illum ma nieħdux l-ewwel pass u nibnu fondazzjoni solida sabiex fuqha nippjannaw triq li twassal kemm il-ġenerazzjoni preżenti kif ukoll dawk tal-ġejjieni li jimxu dlonk it-triq ta' ġejjieni sostenibbli?

Ikun hemm żball kbir li xi pajjiz jipprova jieħu deroga mill-kummissjoni fuq il-krediti tal-carbon minn foresti sabiex ipatti għall-emmissjonijiet ta' pajjizu. Ma nirraġunax bħala Malti li ma għandniex foresti x'noffru imma nirraġuna minn bniedem li jaħseb fit-tul u b'mod oġġettiv. Ħafna foresti magħmula mill-bniedem b'mod artifiċjali huma mono-kulturali u għandhom siġar aljeni u invasivi li ma jagħmlux ġid lil bijodiversita. Ma għandniex naraw l-art użata għall-agro-forestali bħala mudell ta' trabokk għall-carbon dioxide meta l-art agrarja hija il-fabbrika tal-ikel li aħna niddependu tant fuqha u fl-aktar perjodu sensitiv 2016-2050 meta l-popolazzjoni tad-dinja se tikber bil-goff u jkun hemm domanda akbar għall-prodotti tal-ikel! Jekk xi pajjizi jġibuha żewġ billi jinfluwenzaw il-kummissjoni sabiex il-foresti tagħhom jew l-imsaġġar tagħhom jingħattaw il-krediti tal-Carbon, allura din l-ammissjoni tkun kontro-produttiva għaliex tmur kontra l-ispirtu tas-sussidjarita tal-membri stati tal-UE u jibda' tgerfix għax kull pajjiz jimxi għal riħu, li jwassal għal tkissir tal-blokk UE. Fil-kaz, Malta trid tiftaħ ħalqa u tiftaħar li gziritna għandha bijodiversita wiesa' fejn insibu aktar minn 1500 speċi tal-pjanti fuq il-gzejjer maltin u l-kwalita għandha valur ferm aktar mill-kwantita!

Li għandha tara' il-kummissjoni fis-sena 2019 kif ukoll barra l-rwol tal-Kummissarju Phil Hogan jinteressa wkoll lil Kummissarju Karmenu Vella għaliex il-prinċipji tas-sostenibilta li huma attwati mill-biedja organika jolqtu mill-qrib il-produzzjoni tal-ikel u tal-frott tal-baħar. Kull attivita u uzu fuq l-art jista' jkollu impatt qawwi fuq il-baħar.

Biedja intensiva weġġhat il-klima tagħna, l-arja tagħna, l-ilma li nixxorbu u l-ħamrija għaziza tagħna li kapaċi titmana bl-uċuħ bnin. Il-biedja konvenzjonali anke f'pajjizna faqret il-bijodiversita, ma uriet l-ebda ħniena lejn dawk l-insetti inkluz in-naħal li jagħmlu l-ġid, lil dawk il-pjanti li kellhom valur u sparixxew mill-għelieqi tagħna, waqt li l-uzu tal-fertilizzanti faqqru literalment il-kwalita tal-ilma ġieri b'tali mod li ma nistgħux nixxorbuh. Iva, il-fertilizzanti avvellenaw l-ilma safi fil-blat tagħna. Fl-Ewropa il-biedja konvenzjonali affettwat 90% mix-xmajjar, 50% l-wiċċ tal-ilma u 33% tal-ilma sotto-terran. Il-membri stati għarfu li l-agrikoltura intensiva w industrijali hija theddida fil-kuntest ta' telf kontinwu tal-fawna u l-flora fl-art agrarja.

Biex ma jkunx hemm impatti detrimentali fuq l-ambjent, inridu nbidlu il-mudell tal-biedja intensiva w industrijali u nridu nibdew nitgħallmu l-ewwel biex inbidlu l-ħsieb ta' kif naħsbu u minflok inħarsu lejn il-mudell ta' industrija, naħsbu f'mudell kulturali li huwa artiġjanat fejn il-biedja tibqa' il-kultura tal-art.

Is-sigurta globali tal-ikel hija l-ewwel li ssofri mill-mudell tal-biedja industrijali speċjalment meta tkun orjentata lejn l-esportazzjoni li tkisser il-biedja artiġjanata. Wieħed irid jiftakar li 80% tal-bdiewa fl-istati membri tal-UE għandhom art li mhix akbar minn tlett ettari. Il-maġġoranza tal-bdiewa għandhom art zgħira (inqas minn 30 tomna) meta mqabbla ma dimensjoni agro-industrijali ta' dawk il-propjetarji ta' dawk l-artijiet kbar li jqisu lilhom infushom bħala industrijalisti milli bdiewa. F'Malta il-medja tal-art tar-raħħal / bidwi mhix ikbar minn żewġ ettari, u lilna ma jaqblilna qatt li jkun hemm dan it-tip ta' mudell agro-industrijali! Bħalma hemm kwazi 80% tal-bdiewa / raħħala fid-dinja li jipproduċu l-ikel biex jitimgħu il-popolazzjoni fid-dinja. Jekk il-kummissarji jċedu għall-mudell tal-agroindustrijali fejn il-biedja intensiva tfaqqar il-kwalita tal-ambjent, allura jkun hemm problemi serji ta' telf tal-impjiegi rurali, għaliex ikun hemm ħafna bdiewa żgħar li jitilqu n-negożju tagħhom u jkollha l-effett fuq l-emigrazzjoni, numru akbar ta' refuġjati jaħarbu minn pajjizi terzi għall-pajjizi żviluppati.

Jekk ma jkunx hemm żamma u rieda biex il-kbir ma jiblax iż-żgħir fl-UE, allura se jkollhom uliedna li jitwieldu llum jiffaċċjaw taqliba qawwija soċjali fil-futur waqt li dawk li llum qegħdin fl-aqwa tagħhom la darba jkunu pensjonanti jkollhom theddida oħra mill-aspett antropoloġiku għaliex id-demografija tal-popolazzjoni globali tieħu xejra minħabba li l-membri stati tal-UE għadhom mhux ippreparati biex ilaħħqu mal-influss tal-immigranti li jaħarbu in-nixfa u l-akkaristija ta' pajjizhom u li ġġib mobilta soċjali qawwija fiż-żoni urbani.

Żewġ stati membri tal-UE, id-Danimarka u l-Irlanda talbu biex ikunu jistgħu jigwadanjaw minn krediti tat-tnaqqis tal-emmissjonijiet tal-gassijiet billi jużaw il-foresti u l-art agrikola tagħhom. Il-kummissarji għandhom jirrifjutaw dawn it-talbiet għaliex dan l-approċjo jipromwovi mudell industrijo – forestali, liema afforestazzjoni ikun ta' sikwit masġar ta' speċi aljeni, li minn naħa tagħhom jwasslu għall-telf ta' art agrikola bil-bijodiversita.

L-integrita ambjentali tkun mhedda jekk il-foresti artifiċjali jieħdu "over" għas-skapitu tal-għelieqi u r-regolamenti tal-Uzu tal-Art u l-Bidla fl-Uzu tal-Art u l-Foresti (LULUCF) jridu jitjiebu biex jiġustaw il-kalkoli li huma mgħawwġa. Ma jista' l-ebda pajjiz jidħak bin-natura! Il-kummissjoni trid tiżgura li l-uzu tal-kalkoli jkun rejalistiku li jwassal għall-potenzjal effettiv tal-Foresti fl-UE biex jaġġixxu bħala "carbon sink".

Għandu wieħed jara' li l-emfażi ssir biex jitjiebu r-regolamenti tal-LULUCF, li hija definita mis-sekretarjat tal-bidla tal-klima bħala s-settur inventarju tal-gassijiet serra li jkopru l-emissjonijiet u t-tneħħija tal-gassijiet tas-serra li jirriżultaw minn intervent tal-bniedem fl-uzu tal-art u l-bidla fl-uzu tal-art u l-attivitajiet tal-foresti. LULUCF kien suġġett ta' żewġ rapporti tal-IPCC (Inter-governmental panel on climate change). L-uzu tal-art hija ta' importanza kritika għall-bijodiversita.

Ħafna mill-ispeċi li huma fil-periklu li jkunu ekstinti jiddependu fuq l-abbitati tal-art agrikola. Dawn l-abbitati mhux biss joffru art fertili għal dawn l-ispeċi b'riskju ta' ekstinzjoni, imma, li jekk ma noqgħodux attenti għalihom billi nibzgħu għalihom sabiex l-art agrikola tibqa' toffri impjiegi lill-bdiewa li huma wkoll l-istjuwards ħodor tal-kampanja.

Bħala pajjiz żgħir, inridu nsemmu l-vuċi lejn dawk ta' fuq li jaħdmu fil-kummissjoni tal-Unjoni Ewropeja għaliex aħna bħala maltin għandna kull dritt li ngawdu mill-pulmun aħdar – il-kampanja.

Ġa soffrejna telf kbir minħabba deċisjonijiet żbaljati mill-kummissjoni tal-UE fejn wasslet lejn krizi fit-trobbija tal-ħniezer. Id-daqqa ta' ħarta li ħadet l-Unjoni Ewropeja fl-industrija tal-majjali turi l-konsegwenzi tal-agrikoltura mhux sostenibli: promozzjoni ta' kapital intensiv, sistemi agrikoli orjentati lejn l-esportazzjoni li jiddependi ħafna fuq is-swieq internazzjonali li l-fattur ekonomiku speċjalment fuq skali kbar jiddomminaw fuq il-fatturi soċjo-ekoloġiċi, li kissru familji ta' raħħala, organizzazzjonijiet ta' raħħala fl-Ewropa u fil-parti t'isfel tal-globu!

Minflok tissapportja il-produzzjoni intensiva tal-laħam, l-UE għandha tizgura li l-laħam ikun produċut b'mod sostenibli u li l-kwalita hija prijorita fuq il-kwantita li trendi aktar lejn il-bdiewa. Allura, bħala Maltin fejn l-iskala zgħira tal-agrikoltura f'pajjizna hija dik li hi, inridu naraw li s-settur tal-biedja ma jkunx eżentat mill-emmissjonijiet tal-gassijiet serra.

Dan huwa essenzjali sabiex ikun evitat il-kunflitt mal-impenn tal-Klima Internazzjonali tal-UE u tas-Sostenibilta Ekonomiku u Ambjentali fis-settur tal-agrikoltura. Sistema agrarja u sistema tal- ikel sostenibli tgħin biex jitnaqqsu l-emmissjonijiet, titkattar ir-resiljenza tal-bidla tal-klima, titjieb il-bijodiversita u l-irziezet jibbenefikaw b'mod ekonomiku.

Barra l-eluf ta' siġar li qegħdin jithawwlu f'diversi siti fil-kampanja, l-Magħtab jista' jitħawwel b'siġar w arbuxelli li jiġbdu diversi speċi tal-għasafar u ta' annimali slavaġġ. Il-miżbla fil-Magħtab ma tistax tintuża għal xi masġar tas-siġar tal-frott minħabba xi skart tossiku li twaddab imma l-area mdaqqsa tista' toffri proġett tal-afforestazzjoni alternativ fejn is-siġar jagħtu mhux biss pulmun ġdid lill-ambjent imma wkoll ir-riħa ħażina li toħroġ kultant titgħatta bir-riħa tas-siġar.



# IL-FENOMENU TAL-PASSA TAL-GĦASAFAR MILL-LANZA GĦALL-BIRD-RINGING GĦALL-GPS TRACKERS

✍ minn Lino Farrugia

Fis-seklu 19, fenomenu kurjuż kien iħħasseb bosta lill-*Bird-watchers* u ż-zooloġisti Ewropej. Għaliex xi speċi ta' għasafar jisparixxu w imbagħad jerġgħu jidhru kull sena? In-nies dak iż-żmien ma kellhom l-ebda mod biex isegwu l-għasafar meta dawn ippassu fuq distanzi twal, u għalhekk kellhom jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom stess.

Teorija waħda popolari kienet li l-għasafar jmorru jorqdu (hibernate) fil-qiegħ ta' xi għadira jew xi nixxiegħa, l-istess strateġija użata minn żrinġijiet u fkieren akkwatiċi. Din it-teorija ġiet mejjuna mis-sajjied, li qal li ġieli qabdu għasafar fix-xbieki tagħhom. Fi żminijiet preċedenti, xjenzati oħra, bħal Aristotle, kienu jemmnu li l-għasafar kienu metamorfizzati, jiġifieri li jinbidlu fi speċi oħra ta' għasafar bħall-*caterpillars* li jittrasformaw fi friefet. Teoriji oħra kienu saħansitra aktar strambi. Fl-1703, professur ta' Harvard ippropona li l-għasafar kienu qed itiru lejn il-qamar!

Fl-1822, Ċikonja Bajda għenet biex jintemm dan il-misteru. Dan l-għasfur niżel ħdejn il-villaġġ Ġermaniż ta' Klütz b'lanza ta' 30 pulzier ġo għonqu. Ġie skopert li l-lanza kienet magħmula mill-injam Afrikan, li fisser li din iċ-ċikonja żgur li vvjaġġat bejn il-kontinenti. Peress li kienu nies litterali, il-Ġermaniżi ħassew li dan l-annimal stramb u ġdid kellu bżonn isem ġdid: *Pfeilstorch*, jew vleġġa-ċikonja. Ta' aktar għaġeb, kien il-fatt li kien hemm 24 *Pfeilstorchs* irreġistrati sussegwentement - għasafar li passew b'suċċess lejn l-Ewropa b'lanza Afrikana mdaħħla f'laħamhom.



Il-*Pfeilstorch* kienet l-ewwel evidenza konkreta tal-passa, il-moviment annwali u fuq skala kbira ta' għasafar bejn it-territorji ta' fejn jagħmlu l-bejta tagħhom u dawk fejn iqattaw ix-xitwa. Ħamsa u għoxrin *Pfeilstrorchs* irreġistrati vvjaġġaw 2,000 mil lejn l-Afrika, laqtu lanza, u mbagħad ivvjaġġaw 2,000 mil lura. Il-vjaġġ bir-ritorn tagħhom ta' 4,000 mil mhux wisq meta mqabbel ma' dak tal-*Artic Tern*, li jagħmel vjaġġ ta' kważi 60,000 mil bejn il-poli. Ir-Rundun jagħmel vjaġġ iqsar, u jivvjaġġa mill-postijiet fejn ibejjet fl-Iskandinavja sal-Afrika Sub-Saħarjana. Dan l-għarfien dwar il-passa tal-għasafar, jiġifieri d-distanza li għasfur li jpassi jtir bejn punt u ieħor, sar disponibbli permezz tal-*Bird-ringing*.

Madankollu, minħabba l-iżvilupp reċenti ta' aċċellerometri ħfief użati b'mod komuni fl-ismartphones, ir-riċerkaturi setgħu jippruvaw li r-Rundun għandu l-itwal titjira mingħajr interruzzjoni ta' kwalunkwe għasfur. Ir-Rundun jiekol, jixrob, jgħammar, u anke jorqod waqt li jkunu fl-ajru, u konsegwentement, uħud minnhom qatt ma jpoġġu sieq fuq il-kontinent Afrikan li jirritornaw għalih kull sena. Sakemm imorru lura fl-Iskandinavja, dawn l-għasafar ikunu ilhom fl-ajru għal 10 xhur sħaħ.



Għalkemm illum ilna li sirna nafu bil-provi rigward il-passa tal-għasafar għal kważi 200 sena, ħafna affarijiet xorta għadhom misterjużi. Għadna m'għandniex tweġibiet definittivi għal dak li jqanqal il-passa, kif l-għasafar jinnavigaw bejn l-oċeani, jew għaliex l-għasafar jagħżlu li jmorru għal dawn il-vjaġġi twal u diffiċli. B'dawn l-affarijiet mhux magħrufa kollha, ħaġa waħda hija ċerta: innovazzjonijiet teknoloġiċi bħall-aċċellerometri, kif ukoll il- *GPS Satellite Tracking Transmitters* se jkomplu jitfgħu dawl fuq wieħed mill-iktar misteri affaxxinanti tad-dinja naturali.

Kif jafu ħafna mill-qarrejja ta' din il-ħarġa ta' **Mid-DURA**, f'Mejju 2021 il-FKNK ħelset tmien gamiemiet li kienu mgħammra b'apparat tal-GPS adegwat bħala parti ta' riċerka tal-Proġett tagħha: *Turtle Doves - Captive Breeding and Release.* Dawn il-"GPS Satellite Tracking Devices" jiżnu biss 5 grammi u l-batterija tkun iċċarġjata mill-pannell solari ċkejken tagħha. Dan huma definittivament il-mod modern għal futur għal-monitoraġġ tal-migrazzjoni ta' l-għasafar billi jistgħaw jipprovdu l-imġieba u l-movimenti eżatti ta' l-għasafar; il-veloċità tat-titjira; l-altitudni tat-titjira u l-lok; it-temperatura tal-għasfur u l-lok; minbarra informazzjoni utli oħra. Dettalji li huma nieqsa bil-"bird-ringing".

Il-FKNK se tippubblika rapporti perjodiċi kif u meta jkun meħtieġ dwar din il-parti ta' riċerka ta' dan il-proġett. Ir-riżultati għandhom juru evidenza aktar konkreta dwar il-pajjiżi tar-"reference populations" tal-gamiem, jiġifieri, dawk il-pajjiżi liema popolazzjonijiet tal-gamiem ipassu lejn il-gżejjer Maltin.

Nisperaw, li fil-ħarġa/iet li jmiss ta' Mid-DURA jiġu ppubblikati aktar dettalji dwar ir-riżultati minn din il-parti ta' riċerka tal-Proġett tal-FKNK. Il-Proġett li huwa biss wieħed mid-diversi inizjattivi li l-FKNK qegħda tieħu, sabiex malajr kemm jista' jkun, l-istaġun tradizzjonali tal-kaċċa fir-rebbiegħa tal-gamiema għal darb'oħra jkun permissibbli.



# IN-NAĦLA MALTIJA

✍ minn Thomas Galea
f'isem Breeds of Origin Conservancy

Minkejja ċ-ċokon tal-gżejjer Maltin, insibu numru sostanzjali ta' ħlejqiet li jikkaratterizzaw id-diversita abbundanti li nsibu fl-ambjent naturali Malti. Saħansitra, uħud minn dawn il-ħlejqiet huma endemiċi għal pajjiżina, jiġifieri li ma jinstabu mkien ieħor barra minn xtutna. Fost l-oħrajn għandna n-naħla Maltija, Apis mellifera ruttneri, b'oriġini Afrikana. Studji riċenti wrew li n-naħla Maltija għandha profil ġenetiku uniku mill-bqija tas-sottospeċi ta' naħal ieħor, anke minn ta' dawk qribha.

Jiġifieri s-sottospeċi li nsibu fl-Afrika ta' fuq (Apis mellifera intermissa) u ta' Sqallija – (Apis mellifera siciliana). In-naħla Maltija hija oriġinarjament ta' lewn sewdieni, bi ġwienaħ kemxejn żgħar u suf tawwali meta mqabbla mal-bqija tan-naħal tal-għasel. Matul l-għexieren ta' snin, in-naħla Maltija addattat għal kundizzjonijiet klimatiċi li huma partikolari u li jikkaratterizzaw il-gżejjer Maltin. Fejn apparti l-kapaċità li tgħix fil-kundizzjoni ostili ta' nixfa u riħ li jiddominaw, tikkumplimenta wkoll l-ambjent naturali, speċjalment il-flora indiġena u endemika permezz tad-dakra.

Sfortunatament, l-eżistenza tan-naħla Maltija hija kemxejn mhedda għal diversi raġunijiet. Fosthom it–tibdil fil-klima, prattiċi agrikoli ħżiena, tnaqqis ta' flora, kif ukoll restrizzjonijiet tal-abitati naturali bi żviluppi mhux sostenibbli. Madanakollu, l-ikbar theddida ġejja mill-importazzjoni ta' naħal t'origini mhux Maltija. Hawnekk tajjeb wieħed isemmi li r-riproduzzjoni tan-naħal issir 'il barra mill-kaxxa, fejn ir-reġina tagħmel dawk l-imsejħa titjiriet tat-tgħammir jew bl-Ingliż "mating flights". Waqt dawn it-titjiriet, ir-reġina kapaċi titgħammar minn diversi bgħula "drones" li jistgħu jkunu ta' sottospeci differenti u għaldaqstant mhux ta' oriġini Maltija.

Ġaladarba r-reġina tkun tgħammret, din, tibqa' fertili tul ħajjitha kollha. Peress li l-popolazzjoni tan-naħla Maltija hija restritta biss għal gżejjer Maltin, dan l-influss kontinwu ta' ġenetika aljena jista' jwassal għal tibdil permanenti fil-ġenetika lokali u allura għal estinzjoni tan-naħla Maltija minn kif nafuha llum. Sfortunatament, dan il-każ ma jwassalx biss għal bidla fid-deħra, iżda ferm iktar serju huwa t-tibdil fil-karattru u l-imġiba li għandha n-naħla Maltija ġol-ambjent Malti.

Sa mill-2016, Breeds of Origin Conservancy bdiet taħdem fuq il-ħarsien tan-naħla Maltija. Flimkien ma' numru ta' naħħala Maltin u b'direzzjoni minn esperti internazzjonali fil-qasam, stabbilixxiet programm ta' tnissil - "Breeding programme" b' żewġ għanijiet prinċipali. L-ewwel għan hu li tħares il-ġenetika tan-naħla Maltija. Filwaqt li t-tieni huwa li tagħmel in-naħla Maltija aktar popolari man-naħħala Maltin u allura tippromovi kemm it-tkattir kif ukoll l-użu fl-apikultura.

Huwa tajjeb li ngħidu li fl-2019 r-"Royal Geographical Society of London", iddikjarat in-naħla bħala l-organiżmu l-iktar importanti għall-għejxien tal-bniedem. Dan għaliex id-dakra tan-naħal hija il-qafas tal-agrikoltura u allura tal-ikel kollu li nikkunsmaw. Bħala Maltin għandna nkunu kburin li għandna waħda minn biss għaxar sottospeċi ta' naħal tal-għasel li jeżistu fl-Ewropa.

Dankollu jwassal għal ħtieġa imminenti ta' protezzjoni. Liema protezzjoni għandha tingħata sabiex nissalvagwardjaw in-naħla tagħna, kemm għalina, kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri. Mhux biss għax hija parti mill-patrimonju Malti, iżda wkoll sabiex nikkontribwixxu għall-protezzjoni tan-naħla b'mod ħolistiku.

# PJAN TA' AZZJONI

minn Claude Ebejjer

Il-gżejjer Maltin, għalkemm ċkejknin, huma miżgħuda b'firxa vasta ta' bijodiversità li twarrad matul l-istaġuni kollha. Fuq l-art s'issa ġew identifikati aktar minn 4500 speċi ta' flora u fawna differenti li jinteraġġixxu u jgħajxu lil xulxin.

Kull speċi hija importanti għas-saħħa tal-ekosistema Maltija kollha, u tikkontribwixxi wkoll għall-kwalità tal-ħajja tagħna stess. Me jeżistix ħaxix ħażin fin-natura. Kull ħlejqa għandha rwol importanti fl-għajxien ta' ħlejqa oħra, inkluż tagħna. Is-siġar u l-ħaxix isaffu l-ilma, jipproduċu l-ossiġnu, jagħtuna l-kenn u d-dell, jiffriskaw l-arja u jorbtu l-ħamrija biex ma tisfaxxax mal-ewwel xita jew buffura riħ. L-insetti jdakkru l-fjuri li minnhom nieħdu l-frott, l-għasel, u l-ħaxix li bihom nitimgħu lil uliedna.



Ħafna mis-siġar, arbuxellli u fjuri li nsibu fil-gżejjer tagħna ilhom iħaddru l-pajsaġġi Maltin minn qabel ma l-bniedem rifes fuq xtuthom. Madankollu ftit huma dawk li jafu jagħrfu u jsemmu s-siġar Maltin. Ħafna minna meta nħarsu lejn l-ambjent naraw kif ser niggwadanjaw minnu. Minn dejjem hekk għamilna, għax b'xi mod irridu ngħixu. Il-verità hi li f'Malta l-art u l-ilma huma skarsi, u fejn seta' jinħadem, kien jinħadem. Fejn kien hemm riżorsa naturali li stajna nużaw, tgħallimna nużawha. B'hekk is-siġar u l-ispeċi Maltin sabu kenn fl-inħawi mwarrba tal-gżejjer, fejn il-bniedem ma setax jilħaq u ma kellux interess jaħdem.

It-tibdil fil-klima huwa realtà. Aktar ma jgħaddi żmien aktar tiżdied is-sħana, u dan ifisser aktar nixfa. Dan kollu qiegħed jipperikola l-għajxien tagħna u tal-ħlejjaq ta' madwarna. Rapport riċenti fuq is-saħħa tal-bijodiversità lokali wera li jekk nibqgħu sejrin b'dan ir-ritmu l-gżejjer tagħna ħa jsiru deżert. Dan ir-rapport juri biċ-ċar kemm hi urġenti din ir-riżoluzzjoni għal riabilitazzjoni, għax il-qagħda tal-bijodiversità ta' Malta hija inkwetanti ħafna.



Niddependu mill-gżejjer li ngħixu fuqhom. Riabilitazzjoni ambjentali b'kuxjenza ekoloġika tista' ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħna lkoll, tnaqqas it-tniġġis, is-sħana, u l-ispejjeż marbutin ma' mard u enerġija, kif ukoll ittejjeb il-ħażna tal-ilma. Illum aktar minn qatt qabel għandna l-għarfien biex dan iseħħ. Iżda dan kollu jista' jkun possibbli biss jekk niksbu r-rieda għal kollaborazzjoni proattiva u naħdmu flimkien bħala Maltin - kemm ċittadini kif ukoll residenti barranin - b'impenn lejn dan l-għan.

Fl-aħħar snin esperjenzajna l-qawmien ta' rieda ġdida għat-thawwil ta' siġar mal-gżejjer Maltin. Dan qiegħed isir f'ġonna pubbliċi, ġonna vertikali, żoni urbani, toroq, siti protetti u art privata. Huwa importanti li pjan ta' azzjoni jsir b'kuxjenza ekoloġika u b'rispett lejn il-bijodiversità lokali.

Jeħtieġ li nsegwu prinċipji ċari. Huwa importanti li:

· Inħarsu u nippromwovu speċi ta' ġenetika Maltija. L-ispeċi Maltin huma limitati għall-gżejjer Maltin u addattaw sew għaċ-ċirkustanzi tal-ġografija tagħna. B'hekk biss nistgħu niksbu reżiljenza. Meta nippromwovu speċi ta' ġenetika Maltija nkunu qegħdin niffrankaw minn spejjeż marbuta ma' monitoraġġ, manteniment u potenzjalment, imwiet.

· Nutilizzaw varjetà ta' speċi ta' flora fi proġetti ta' tħaddir u dan isir skont l-abitat u l-għamla tal-ispeċi.

· L-art li tiġi riabilitata għandha tiġi fornuta b'materjal organiku li jsaħħaħ il-ħamrija, u b'organiżmi żgħar li jżidu n-nutrijenti fl-art.

· Nagħrfu, inħarrġu u ninkludu lil kull min hu interessat u lest li jikkontribwixxi.

· Jinħolqu spazji ġodda għal riabilitazzjoni ambjentali u kuruturi ambjentali (green corridors) li jħallu l-progressjoni tal-ekosistemi sseħħ mingħajr indħil mill-bniedem.

· Jinħolqu skemi fejn inwaħħdu art pubblika ma' art privata biex jiġi mmassimizzat il-potenzjal tal-bijodiversità nativa.

Ħafna nies isibu l-mistrieħ tagħhom qalb in-natura. Jiena nemmen tassew li nistgħu naħdmu flimkien sabiex Malta ssir xempju ta' ekoloġija Mediterranja, u nħallu monument ħaj li jibqa' jitgawda mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna, u li għalih nibqgħu mfakkra. Kulħadd għandu sehem u kulħadd jiggwadanja. Kull għajnuna tgħodd, kemm jekk int żgħir u kemm jekk int kbir, kaċċatur jew ambjentalist. B'interess, jien u int nistgħu nagħmlu d-differenza.



# CIC

## (International Council for Game and Wildlife Conservation)

Illum kull kaċċatur u nassab jaf x'inhi l-FACE (European Federation for Hunting and Conservation), ma liema entita' Europea l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ilha missieħba mill-11 ta' Settembru 1987. Madankollu ftit kaċċaturi u nassaba jafu x'inhi l-entita' internazzjonali s-CIC (International Council for Game and Wildlife Conservation), minkejja li l-FKNK ilha missieħba magħha mill-25 ta' Mejju 1989.

Għaldaqstant, dan li ġej huwa bbażat fuq artikoli ta' Markus Dressler ippubblikati fil-ħarġiet ta' Frar / Marzu ta' l-akbar rivista tal-kaċċa fl-Isvizzera "Schweizer Jäger", maqluba għal Malti minn Lino Farrugia, il-Kap Eżekuttiv tal-FKNK. Nixtiequ nirringrazzjaw lill-magażin "Schweizer Jäger" u lill-awtur Markus Dressler talli taw permess biex jerġgħu jiġu ppubblikati l-artikoli oriġinali kollha kemm huma, jew segmenti minnhom.

**Is-CIC – Li Stampa ta' Promotur Internazzjonali tal-Kaċċa...**

Għalkemm is-CIC ilha taħdem internazzjonalment għal bosta għexieren ta' snin fuq l-iktar kawżi diversi relatati mal-kaċċa, filwaqt li sadanittant laħqet daqs konsiderevoli, l-organizzazzjoni wara din it-taqsira għadha 'l bogħod milli tkun magħrufa mill-kaċċaturi kollha. F'dan li ġej, se jsir tentattiv biex il-qarrej jingħata ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet diversi u interessanti ta' din l-organizzazzjoni internazzjonali tal-kaċċa.

Peress li l-paġna ewlenija tas-CIC (www.cic-wildlife.org) hija disponibbli biss bl-Ingliż, kif inhu l-każ b'ħafna organizzazzjonijiet internazzjonali, mhux dejjem faċli li tintlaħaq il-bażi wiesgħa ta' kaċċaturi f'pajjiżi b'lingwa oħra, li hija l-raġuni għal dan l-artikolu.

### X'inhi s-CIC?

L-ewwel, l-essenzjali – xi jfissru t-tliet ittri? Bl-Ingliż, l-isem sħiħ huwa "International Council for Game and Wildlife Conservation". Huwa notevoli li dan ma jaqbilx sew mat-taqsira CIC. Mhux ta' b'xejn, għax l-isem fundatur ta' l-organizzazzjoni, u t-taqsira tiegħhu, huwa bil-Franċiż: "Conseil International de la Chasse".

L-istorja tas-CIC hija internazzjonali daqs l-isem. Il-Konti Ungeriż Louis Károlyi u l-Franċiż Maxime Ducrocq jistgħu jiġu deskritti bħala l-missirijiet tal-organizzazzjoni. Fl-1928, flimkien ma' ħbieb kaċċaturi oħra minn diversi pajjiżi, bdew ipoġġu l-idea tas-CIC fil-prattika fuq il-proprjetà tal-Konti f'Palárikovo (dak iż-żmien Tótmegyer) fis-Slovakkja tal-lum. Il-kaċċa sa issa insostenibbli ta' annimali salvaġġi, speċjalment fil-kolonji tal-potenzi l-kbar, kif ukoll il-ħolqien ta' pjattaforma għall-iskambju dinji permezz ta 'avvenimenti bħall-"First International Hunting Exhibition" fi Vjenna fl-1910, ipprovdew raġunament tajjeb għall-ħolqien ta' organizzazzjoni dinjija tal-kaċċa.

Fil-bidu tas-seklu 20 rajna l-bidu tal-idea tal-protezzjoni tal-ambjent naturali b'mod ġenerali u l-ħolqien ta' diversi entitajiet protezzjonisti madwar id-dinja. F'Malta rajna l-bidu tal-MOS (Malta Ornithological Society), illum il-BirdLife Malta.

Mat-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija, malajr kibret l-importanza tal-organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-Lega tan-Nazzjonijiet, imwaqqfa fl-1919/20 u bbażata f'Ġinevra, kienet maħsuba biex tipprevjeni gwerer futuri u tiżgura l-paċi fid-dinja, u gruppi oħra ta' interess globali malajr segwew dan l-eżempju. Għalhekk, mhuwiex sorprendenti li organizzazzjoni internazzjonali għall-kaċċa u l-konservazzjoni tal-ambjent naturali twaqqfet f'dan iż-żmien.

L-organizzazzjoni twaqqfet uffiċjalment f'Pariġi fl-1930 minn 121 personalitajiet rispettati ħafna minn 23 nazzjon fis-sala tal-konferenzi tal-Ministeru tal-Agrikoltura, u Ducrocq ġie elett bħala l-ewwel President tas-CIC. Il-kwartieri ġenerali tagħha kienu f'Pariġi sal-1999, meta mar fil-post attwali tiegħu f'Budakeszi, l-Ungerija. Fl-Ungerija, l-organizzazzjoni tgawdi status diplomatiku. Is-sede legali tal-Organizzazzjoni Non-Governattiva Internazzjonali (INGO) ilha fi Vjenna mill-2003. Il-membri u l-uffiċjali tas-CIC huma llum, kif kienu dak iż-żmien, taħlita internazzjonali li tagħmel ġustizzja mal-karattru globali tal-organizzazzjoni.

### CIC xi tfisser?

Is-CIC hija organizzazzjoni konsultattiva u ta' promozzjoni mingħajr skop ta' qligħ, politikament indipendenti, dedikata għall-prinċipju ta' użu sostenibbli sabiex tiġi żgurata l-konservazzjoni tal-kaċċa u l-kaċċa mad-dinja kollha. Is-CIC għanda l-għan li tippromwovi u tappoġġja l-konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa u pajsaġġi relatati, komunitajiet lokali, u tradizzjonijiet, sabiex tinkiseb dinja fejn l-annimali selvaġġi jiġu vvalutati u kkonservati bħala parti mill-ambjent naturali, għall-benefiċċju tal-umanità. Meta tagħmel dan, is-CIC tara lila nnifsa bħala "avukat tal-ħajja selvaġġa" u bħala difensur tad-drittijiet tal-bniedem ta' popli indiġeni u komunitajiet lokali biex jużaw ir-riżorsi naturali tagħhom, speċjalment ir-riżorsa tal-ħajja selvaġġa permezz ta' kaċċa sostenibbli.

Minbarra aktar minn 1100 membru individwali, l-aktar personalitajiet magħrufa minn negozju, soċjetà, xjenza u politika f'aktar minn 80 pajjiż, organizzazzjonijiet nazzjonali u supra-reġjonali tal-kaċċa u l-konservazzjoni tal-ambjent naturali (inkluż il-FKNK), istituzzjonijiet xjentifiċi, kumpaniji u, bħala punt uniku tas-CIC, 30 stat (inkluża Malta) huma wkoll membri tas-CIC. Dawn ta' l-aħħar huma estremament importanti għas-CIC, billi jagħtu lill-organizzazzjoni status intergovernattiv, li, flimkien ma' l-istatus diplomatiku fl-Ungerija, wassal biex is-CIC tidher bħala osservatur intergovernattiv rispettat bi drittijiet ta' interventi fin-negozjati ta' l-konvenzjonijiet internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kaċċa. Huwa għalhekk li s-CIC tissejjaħ ukoll l-"ambaxxatur internazzjonali tal-kaċċa". Permezz tas-sħubija ta' organizzazzjonijiet nazzjonali tal-kaċċa fis-CIC, s-CIC tirrappreżenta madwar 30,000,000 kaċċatur organizzat mad-dinja kollha. Fuq livell Ewropew, is-CIC taħdem mill-qrib mal-Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni, FACE, ibbażata fi Brussell.

Il-konservazzjoni permezz ta 'użu sostenibbli - "konservazzjoni permezz ta' użu" - hija waħda mit-tliet pilastri tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, li s-CIC tirrakkomanda fuq livell internazzjonali. Il-kaċċatur individwali mhux neċessarjament jipperċepixxi dan, iżda huwa ta' importanza kbira peress li d-deċiżjonijiet internazzjonali fl-aħħar mill-aħħar għandhom impatt fuq l-eżistenza kontinwa tal-kaċċa kollha kemm hi. Huwa utli wkoll għax-xogħol tas-CIC li hija membru attiv, kburi u għal tul ta' żmien tal-IUCN (International Union for Conservation of Nature), li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fl-Isvizzera. Barra minn hekk, is-COC tikkontribwixxi wkoll lejn il-ġlieda kontra l-kriminalità ta' annimali selvaġġi (poaching), bil-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' għarfien xjentifiku dwar annimali selvaġġi u kaċċa, u permezz ta' komunikazzjoni strateġika. Permezz tat-trasferiment tal-għarfien, netwerking internazzjonali u lobbying, is-CIC għanda l-għan li tappoġġja l-interessi tal-kaċċa mad-dinja kollha, kif ukoll tippromwovi s-sostenibbiltà tal-kaċċa u tippreserva t-tradizzjonijiet kulturali tal-kaċċa.

### It-tliet pilastri tas-CIC

Analogament għall-prinċipju tas-sostenibbiltà, li jistrieħ fuq it-tliet pilastri tal-ekonomija, l-ekoloġija u s-soċjo-kultura, liema s-CIC hija impenjata għalihom, l-organizzazzjoni nnifisha tinqasam ukoll fi tliet oqsma tematiċi.

Is-subżona "Xjenzi Applikati", maqsuma fi gruppi speċjalizzati, tittratta proġetti ta' riċerka dwar annimali selvaġġi u l-immaniġġjar tagħhom permezz tal-kaċċa. Dawn jinkludu, pereżempju, l-introduzzjoni u l-adattament ta' sistemi ta' ġestjoni ta' annimali selvaġġi, studji tad-distribuzzjoni u l-użu tal-ħabitat ta' speċi differenti, investigazzjonijiet dwar mard ta' annimali selvaġġi, influwenzi umani fuq annimali selvaġġi permezz tal-kaċċa, kif ukoll bidla fil-klima, evalwazzjonijiet ta' sistemi ta' kaċċa differenti u konsiderazzjonijiet ekonomiċi dwar l-użu tal-ħajja selvaġġa bħala riżorsa. Motto tipiku hawnhekk huwa l-konservazzjoni tal-ispeċi fuq il-merti tagħha stess, li għandu jinkiseb fil-popolazzjoni lokali permezz tal-parteċipazzjoni fl-użu sostenibbli tal-kaċċa. L-użu tal-kaċċa permezz tat-turiżmu tal-kaċċa jbiddel l-annimali selvaġġi f'sors prezzjuż ta' dħul, li l-konservazzjoni tiegħu tiddaħħal fl-interess tal-popolazzjoni, li fl-aħħar mill-aħħar għandha effett pożittiv fuq il-bnedmin u l-annimali. Is-CIC tappoġġja diversi proġetti xjentifiċi mad-dinja kollha fl-oqsma tal-kaċċa kbira, tal-kaċċa żgħira, tal-ispeċi migratorji, tal-mard tal-annimali selvaġġi, tal-ekonomija tar-riżorsi tal-annimali selvaġġi, tal-użu agrikolu u tal-kaċċa, kif ukoll l-evalwazzjoni tat-trofew.

Id-diviżjoni "Politika u Liġi" tappoġġja l-implimentazzjoni prattika ta' sejbiet xjentifiċi billi tipprovdi opinjonijiet ta' esperti u dikjarazzjonijiet dwar kwistjonijiet legali, politiċi u amministrattivi. Suġġetti ewlenin huma l-leġislazzjoni dwar il-kaċċa, ftehimiet multilaterali kif ukoll armi, munizzjon u t-trasport tagħhom lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Il-ħolqien ta' konvenzjonijiet internazzjonali għall-konservazzjoni tal-bijodiversità, huwa daqstant qasam ta' attività għal din id-Diviżjoni CIC daqs il-ġlieda kontra l-minimizzazzjoni gradwali ta' ċomb fil-munizzjon. Is-CIC tagħmel ukoll kontribuzzjonijiet eċċellenti permezz tal-inizjattivi tas-CPW (Collaborative Partnership on Sustainable Wildlife Management).

Is-CPW hija sħubija ta' 14-il organizzazzjoni internazzjonali li jirrappreżentaw aspetti differenti tal-ġestjoni tal-ħajja selvaġġa, (saħħa tal-annimali u tal-bniedem, sigurtà tal-ikel, konservazzjoni, kummerċ tal-ħajja selvaġġa) li taħdem fuq kwistjonijiet ta' konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa transkonfinali permezz ta' din il-pjattaforma.

Fl-aħħarnett, it-taqsima "Kultura" tittratta dwar ir-riċeviment kulturali tal-kaċċa kif ukoll it-tradizzjonijiet tal-kaċċa. Il-kaċċa għandha tiġi promossa fid-diversi forom ta' arti, kif għandha ssir il-kaċċa bħala "way of life". Għal dan il-għan, avvenimenti kulturali b'temi ta' kaċċa huma organizzati u reklamati, u tinżamm kooperazzjoni mill-qrib ma' istituzzjonijiet kulturali bħal mużewijiet. Din id-Diviżjoni hija wkoll responsabbli għall-manutenzjoni tal-Mużew CIC fil-kastell fundatur ta' Palárikovo, li ġie inawgurat fl-2006, kif ukoll il-librerija. Tipi tradizzjonali ta' kaċċa għandhom jiġu ppreservati bħala assi kulturali intanġibbli tad-diversi pajjiżi, b'enfasi speċjali fuq il-falkunerija, li ġiet iddikjarata bħala Wirt Kulturali Intanġibbli mill-UNESCO bħala riżultat ta' inizjattiva CIC. "Il-kaċċa" nnifisha diġà ġiet iddikjarata wirt kulturali intanġibbli nazzjonali fir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovenja permezz tal-kooperazzjoni u l-kontribuzzjonijiet tas-CIC - il-kaċċa ma tistax tikseb aħjar minn dan!

Naturalment, l-istruttura tripartitika tas-CIC mhix separazzjoni stretta u d-diviżjonijiet jikkoperaw ma' xulxin biex jimplimentaw firxa wiesgħa ta' proġetti.

### Working Groups speċjali u Premjijiet

Simili għal bosta organizzazzjonijiet akbar, is-CIC matul iż-żmien iffurmat Working Groups għal gruppi speċifiċi ta' membri. Fl-2001, "Young Opinion" (YO fil-qosor) twaqqfet bħala l-organizzazzjoni taż-żgħażagħ tas-CIC. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-kaċċa u l-konservazzjoni tal-ispeċijiet f'dinja dejjem aktar kontra l-kaċċa, deher sensibbli li jiġu promossi relazzjonijiet bejn membri żgħażagħ u b'hekk jgħin b'mod effettiv biex jissawwar il-futur. Sal-età ta' 40, il-membri għandhom l-opportunità li jinvolvu ruħhom f'dan il-bidu tas-CIC. Għaxar snin wara (2011), il-"Artemis Club", grupp speċifikament għall-membri nisa tas-CIC, twaqqaf bil-għan li jiffoka fuq ir-rwol tan-nisa fil-konservazzjoni u l-kaċċa tal-ispeċi, filwaqt li jenfasizza wkoll ix-xogħol tagħhom b'mod ġenerali.

Biex tippromwovi proġetti ta' suċċess partikulari fl-ispirtu tal-filosofija CIC, is-CIC tagħti wkoll firxa sħiħa ta' premjijiet u għotjiet differenti. Il-Premju Edmond Blanc jirrikonoxxi żoni ta' kaċċa li huma ġestiti b'mod partikolarment sostenibbli, filwaqt li l-Premju Markhor, jonora proġetti speċjali fil-protezzjoni ambjentali u l-konservazzjoni tal-ispeċijiet li s-suċċess tagħhom huwa bbażat fuq il-kooperazzjoni tal-popolazzjoni lokali. Il-Premju għar-Riċerka dwar l-Opinjoni Żgħażagħ, miżmum mill-organizzazzjoni taż-żgħażagħ YO, jingħata lil xjenzati żgħażagħ li x-xogħol tagħhom jagħti kontribut speċjali għall-għanijiet tas-CIC. Barra minn hekk, premju tal-fotografija, premju għal "Hunting in Art" u premji letterarji f'ħames kategoriji differenti jingħataw lil individwi li x-xogħol kulturali tagħhom huwa fl-ispirtu tad-Diviżjoni Kulturali tas-CIC.

### Trophy Evaluation

Madankollu, ż-żona li għaliha s-CIC hija probabbilment l-iktar magħrufa fil-komunità tal-kaċċa, hija l-evalwazzjoni uffiċjali tat-trofej tal-kaċċa (Trophy Evaluation – ovvjament din forsi ftit tinteressa lill-kaċċaturi Maltin, ħlief għal ftit li jistaw imorru barra minn Malta għall-kaċċa kbira, bħal ċrief, antelopi u oħrajn). Pero, l-istorja ta' din is-sistema rikonoxxuta mad-dinja kollha fil-kamp tal-kaċċa kbira hija interessanti ukoll.

Il-punti CIC skurjati minn trofej tal-kaċċa kbira minn madwar id-dinja huma dejjem suġġett ta' diskussjoni. Is-"CIC Trophy Evaluation System" għandha wkoll storja konsiderevoli, li ġejja mill-formula żviluppata minn Herbert Nadler fl-1925 għall-evalwazzjoni tat-trofej taċ-ċriev ħomor (Red Deer).

Matul id-deċennji, formuli għal kull tip ta' speċi tal-kaċċa mid-dinja kollha ġew miżjuda u l-formuli ta' punteġġ għall-evalwazzjoni tat-trofew ġew adattati u mtejba għal darba wara l-oħra. L-iktar verżjoni reċenti tal-Manwal tal-Evalwazzjoni tat-Trofew tas-CIC ġiet ippubblikata reċentement fl-2014. Barra minn hekk, is-CIC iżomm ukoll database li fiha jiġu rreġistrati t-trofej evalwati kollha. Din id-dejta tintuża għal evalwazzjonijiet xjentifiċi kif ukoll għall-klassifikazzjoni uffiċjali tad-dinja tat-trofej l-aktar siewja. Il-valutazzjonijiet għas-CIC jistgħu jsiru biss minn Certified Measurers jew mis-Senior International Trophy Judges, li huma ddelegati fuq it-Trophy Evaluation Board, mid-delegazzjonijiet nazzjonali tas-CIC.

Jingħataw diversi Midalja tas-CIC skond l-iskor tal-evalwazzjoni, bl-aqwa tkun dik tad-Deheb. Midalji nazzjonali jingħataw ukoll minn xi delegazzjonijiet nazzjonali tas-CIC f'diversi pajjiżi bħad-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja, in-Norveġja kif ukoll ir-Renju Unit.

L-Ungerija se tospita wirja dinjija "One With Nature" mill-25 ta 'Settembru sal-14 ta' Ottubru 2021, fejn il-pajjiżi kollha tad-dinja se jiġu mistiedna jippreżentaw il-kisbiet u t-tradizzjonijiet tagħhom relatati mal-użu sostenibbli tal-ambjent naturali (kaċċa, sajd, forestrija, eċċ.). Is-CIC huwa l-patrun internazzjonali ta' din il-wirja dinjija u hija wkoll responsabbli għall-organizzazzjoni ta' erba' konferenzi internazzjonali assoċjati. Il-kaċċaturi kollha huma mistiedna f'Budapest!

## SOMMARJU TA' AĦBARIJIET TA' DAWN L-AĦĦAR XHUR U ĠIMGĦAT…

### IL-FKNK TIPPREŻENTA PROTEST IL-QORTI

Minkejja l-Verdett tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-10 Ta' Settembru 2009 u r-riżultat tar-Referendu Abrogativ tal-11 t'April 2015 fejn fiż-żewġ każijiet ġie mingħajr ebda dubju kkonfermat li l-kaċċa fir-rebbiegħa għanda tibqa, l-BirdLife Malta għada m'aċċettatx iż-żewġ skonfitti li ġarbet u li għaldaqstant il-kaċċa fir-rebbiegħa se tibqa.
Abbażi ta' dan kollu, l-FKNK ippreżentat Protest fil-Qorti b'risposta għall-Protest tal-BirdLife.

### IL-PROĠETT TAL-GAMIEM TAL-FKNK JINGĦATA €14,000

Grazzi lill-Responsible Gaming Foundation u lil Ministru Silvio Schembri, il-FKNK qegħda tingħata €14,000 għall-Proġett tal-Gamiem biex jinxtraw geo-tags għal moniteraġġ aħjar tal-gamiem. B'dan il-proġett ta' riċerka l-FKNK se nkunu qegħda insaħaħ il-popolazzjoni tal-gamiema fis-selvaġġ biex tassiguraw kaċċa aktar sostenibbli sabiex eventwalment il-kaċċaturi u n-nassaba jkunu jistgħu jerġaw jgawdu l-kaċċa u l-insib tradizzjonali tal-gamiem fir-rebbiegħa.

### IL-PROĠETT TA' AFFORESTAZZJONI TAL-FKNK MAGĦŻUL BĦALA L-PROĠETT TAX-XAHAR TAL-MANIFEST TAL-BIJODIVERSITÀ TAL-FACE

Il-proġett ta' Siġar u Arbuxelli Indiġeni Maltin amministrat mill-FKNK, ġie magħżul mill-Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni (FACE) bħala l-proġett ta' dan ix-xahar ta' Marzu 2021 bħala parti mill-Manifest tal-Bijodiversità tal-FACE.

### TĦAWLU 1,000 SIĠRA FL-AĦRAX TAL-MELLIEĦA

Titlesta l-ewwel fazi ta' eżerċizzju ta' afforestazzjoni fl-inħawi tar-Ramla tat-Torri u tal-Irdum tal-Madonna, bejn l-GĦKNK Mellieħa u Ambjent Malta, fejn tħawlu 1,000 siġra indiġiena. Dawn l-interventi ġew imħabbra mill-Ministru Aaron Farrugia biex b'hekk ikun assigurat li jkunu kkrejati u salvagwardjati aktar postijiet ideali għal bosta attivitajiet rikreattivi u jitħaddan bilanċ.

### FILMAT IMĦEJJI MILL-FKNK ĠIE PREŻENTANT F'LAQGĦA TAL-INTERGRUPP FIL-PARLAMENT EWROPEW MILL-MPE DR ALEX AGIUS SALIBA

Waqt l-indirizz li għamel il-MPE Dr. Alex Agius Saliba fil-laqgħa tal-Intergrupp tal-"Kaċċa" (Biodiversity Hunting Countryside Intergroup) fil-Parlament Ewropew, intwera filmat imħejji mill-FKNK rigward l-insib tradizzjonali tan-nassaba Maltin. Din kienet laqgħa ta' livel għoli li ġiet organiżata b'mod virtwali b'konġunzjoni mas-Segretarjat tal-Intergrupp, il-FACE (Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni). It-tema tal-laqgħa kienet "Hunting under the Birds Directive: An open debate on the state of play".

### TIĠI IMNIEDA GUVA GĦALL-GAMIEM ĠO SKOLA F'GĦAWDEX

Il-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri u l-Ministru għall-Edukazzjoni Justyne Caruana flimkien mall-FKNK, nedew guva fl-iskola Primarja u Special Unit ta' Sannat, Għawdex fejn ser jinżam gamiem bħala suppliment tal-Proġett tal-Gamiem li l-FKNK bdiet fl-2017. Huwa maħsub li parti mill-gamiem ġewwa din il-guva t'Għawdex ikun ukoll eventwalment mitluq fis-selvaġġ kif isir mill-gamiem fil-guvi ta' Malta kull sena. Il-guva t'Għawdex hija ffinanzjata mill-Ministeru t'Għawdex, filwaqt li l-FKNK tiffinanzja l-ikel, b'dieta speċjali ta' żrieragħ adattati għall-gamiem u supplimenti neċessarji. Din hija l-ewwel skola li qegħda tipparteċipa f'dan il-proġett tal-FKNK.

### IT-TIELET FAŻI TAL-PROĠETT TAL-BARBAĠANN

Il-Ministru Aaron Farrugia nieda t-tielet fażi tal-proġett tal-FKNK ta' reintroduzzjoni tal-barbaġann fil-kampanja Maltija, meta żar il-proġett ġewwa l-Buskett. Waqt it-tnedija, par mill-barbaġan ingħata l-ismijiet ta' Tyto u Alba mill-Ministru Farrugia. Dan il-par, Tyto u Alba jista jiġi segwit permezz ta' Live Stream li l-FKNK installat fuq il-post.

### IL-FKNK TAGĦMEL DONAZZJONI TA' TPINĠIJA BIL-LAPES TA' GAMIEMA LILL-MCCFF

Il-FKNK għamlet donazzjoni ta' tpinġija bil-lapes ta' gamiema lill-Eċċellenza tiegħu Il-President ta' Malta, Dr George Vella. Dan huwa xogħol tal-arti minn membru żgħażugħ tal-FKNK, is-Sur Wayne Pisani. Id-donazzjoni saret b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation (MCCFF).



# IL-PROĠETT TAL-FKNK:
## GAMIEM - TNISSIL FIL-MAGĦLUQ U TLUQ FIS-SELVAĠĠ

## Moniteraġġ bis-'Solar Satellite Tags' u Nsib għad-Diversità Ġenetika

**✍ minn Lino Farrugia - Kap Eżekuttiv FKNK**

Il-kaċċa u l-insib tradizzjonali u prinċipali fir-rebbiegħa f'Malta, il-gamiema (Streptopelia turtur), faċilment titnissel f'numri kbar ħafna fil-magħluq u minn bosta dilettanti li jrabbu l-għasafar, iżda l-aktar minn kaċċaturi u nassaba.

Kull sena, f'diversi okkażjonijiet, l-Imnarja, Ħarġiet tat-Tfal, il-Festa ta' San Ġiljan (il-Qaddis Patrun tal-Kaċċaturi Maltin), eċċ., il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) titlaq mijiet ta' gamiem fis-selvaġġ, li jkunu trabbew u tnisslu fil-magħluq minn membri tal-FKNK.

**Il-Proġett tal-FKNK: Gamiem - Tnissil fil-Magħluq u Tluq fis-Selvaġġ,** kien ilu fil-pjanijiet tal-FKNK għal numru tajjeb ta' snin. Però, matul dawn is-snin, l-FKNK iltaqgħet ma' diversi ostakoli minn ftit sorsi, u minkejja li l-proġett kien ġie mgħedded fi tmien verżjonijiet, kien grazzi għall-għajnuna tal-Onorevoli Silvio Schembri, li fl-2017 l-FKNK nediet dan il-Proġett.

Għalhekk, f'Mejju 2017 ġew rilaxxati aktar minn 400 gamiema fil-ġonna tal-Buskett. Fl-2018 il-proġett ra aktar minn 700 gamiema jintelqu fis-selvaġġ, din id-darba minn Għawdex. U f'Ġunju tal-2019, fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Fiera Game & Country Expo 2019, imnedija mill-Onorevoli Clint Camilleri fl-MFCC Grounds f'Ta' Qali, intelqu 'l fuq minn 350 gamiem. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, din l-attività ma saritx fl-2020.

L-għan ta' dan il-proġett, li huwa wieħed minn bosta li l-FKNK nediet, sabiex malajr kemm jista' jkun, l-istaġun tradizzjonali tal-kaċċa u l-insib fir-rebbiegħa tal-gamiem jerġa' jkun permess, huwa ż-żieda fil-popolazzjoni selvaġġa. Għalhekk, it-tluq dejjem isir waqt żmien meta ma tkunx permessa kaċċa u/jew insib sabiex il-gamiem ipassi mingħajr problema. Dan huwa l-uniku kontribut tanġibbli li Malta tista' tagħmel għall-konservazzjoni ta' din l-ispeċi fis-selvaġġ, peress li l-gamiem ma jbejtux fuq bażi regolari u fi kwalunkwe numru sostanzjali fis-selvaġġ fil-gżejjer Maltin. Barra minn hekk, l-ammont rilaxxat jista' jservi bħala miżura ta' kumpens għall-gamiem li jistgħu jittieħdu mis-selvaġġ fil-gżejjer Maltin. Billi l-gamiem li jintelaq jitrabba fil-magħluq, dawn kollha jkunu mmarkati b'mod adegwat biċ-ċrieket qabel ma jinħelsu.

Sabiex tkabbar il-Proġett, fl-2019 l-FKNK applikat għal u ngħatat binja fl-Għammieri tal-Gvern taħt titolu ta' ftehim MoU. Fl-istess sena, u sabiex tkun tista' tiffinanzja aħjar u fuq livell professjonali, l-FKNK għamlet applikazzjoni li ġiet approvata mill-Wild Birds Conservation Fund. Hawn l-FKNK trid tirringrazzja wkoll lill-grupp ta' kaċċaturi u nassaba mis-South ta' Malta li ta' kull sena jagħmlu donazzjoni għal dan il-Proġett.

B'hekk, saru x-xogħlijiet ta' rinovar u trasformazzjoni programmati fuq il-binja fl-Għammieri, f'liema stazzjon ċentralizzat għat-tgħammir fil-magħluq tal-gamiem, issa jinsabu numru sostanzjali ta' gamiem (l-aktar mixtrija minn nies tal-lokal li jrabbu l-gamiem fil-magħluq fi kwantitajiet tajbin). Dawn l-għasafar qegħdin jittrabbew u jnisslu bosta frieħ b'suċċess, minn fost liema, l-akbar numru eventwalment jintelqu fis-selvaġġ. It-trobbija tal-gamiem, ix-xiri u t-tiswijiet meħtieġa, l-għalf, it-tisqija, il-provvista tal-bejtiet adegwati, tindif, eċċ., qegħdin isiru minn Maniġer u l-Assistent tiegħu li kienu ingaġġati mill-FKNK.

Bosta personalitajiet, inklużi Membri Parlamentari u Ewroparlamentari, għamlu diversi żjarat fuq il-post, liema żjarat u tragwardi oħra tal-proġett dejjem ġew pubbliċizzati ħafna.

Moniteraġġ... Peress li l-"irkupri taċ-ċrieket (ring recoveries)" mill-gamiem li ntelqu mill-2017 s'issa ma pproduċewx biżżejjed evidenza konkreta xjentifika u teknika dwar x'jiġri fil-fatt mill-gamiem li jintelaq, u lanqas dwar il-pajjiżi tal-popolazzjonijiet ta' referenza (reference populations) ta' kwalunkwe għasfur li jirritorna waqt il-passa, l-FKNK iddeċiediet li mezzi oħra ta' informazzjoni teknoloġika għall-monitoraġġ tal-movimenti tal-għasafar għandhom jiġu adottati. Dan jinkludi li numru mill-gamiem li jintelaq ikun imbrigat b'apparat ta' traċċar trasmettituri, Solar Satellite Tag. Fil-fatt, is-sostenitur tal-Proġett il-Wild Birds Conservation Fund qiegħed jesiġi l-installazzjoni ta' dan l-apparat fuq numru ta' għasafar li għandhom jiġu rilaxxati fl-2021 jekk l-FKNK trid tibqa' tgawdi l-appoġġ tal-Wild Birds Conservation Fund. Għal darb'oħra, l-FKNK qiegħda ssib l-għajnuna finanzjarja tal-Onorevoli Silvio Schembri sabiex jinxtraw numru ta' Solar Satellite Tags, kull wieħed mil-liema jiswa eluf ta' ewro. L-FKNK beħsiebha tibda din il-parti tal-Proġett f'Mejju jew Ġunju ta' din is-sena 2021. Għalhekk ukoll, l-FKNK ikkummissjonat rapport tal-Koordinatur mill-Uffiċċju ta' Studju tal-Federazzjoni Taljana tal-Kaċċa, li għandu esperjenza f'diversi programmi li permezz tagħhom speċijiet differenti ta' għasafar ġew mgħammra b'dan it-tip ta' apparat u eventwalment traċċati wara r-rilaxx fis-selvaġġ.

**Diversità Ġenetika jew Demm Ġdid...** Sabiex il-Proġett jibqa' jkollu diversità ġenetika, l-FKNK temmen li wasal iż-żmien li jiġi introdott demm ġdid fost il-gamiem tal-Proġett. Din id-diversità ġenetika tinsab żgur fil-gamiem li jgħix fis-selvaġġ.

Għaldaqstant, għar-Rebbiegħa 2021, l-FKNK ressqet proposta ta' riċerka dwar il-passa tal-gamiem fir-rebbiegħa permezz tal-insib tradizzjonali għall-gamiem, li jien inħobb nirreferi għalih bħala t-Tradizzjoni tat-Tradizzjonijiet. F'din il-proposta jkunu jistgħu jipparteċipaw il-membri nassaba KOLLHA mingħajr ebda diskriminazzjoni. Il-qbid minn din l-iskema eventwalment jikkontribwixxi għad-diversità ġenetika tal-Proġett.

PS Insegwitu għad-disappunt bir-riżultat li ħareġ mill-Laqgħa tal-Kumitat Ornis tas-17 ta' Marzu 2021, milli jidher l-appell tal-FKNK biex il-kaċċaturi u n-nassaba tat-tradizzjonijiet soċjo-kulturali tal-kaċċa u l-insib tal-gamiema fir-rebbiegħa jingħataw soluzzjoni sodisfaċenti kif qalet il-Qorti Ewropea fil-verdett tal-10 ta' Settembru 2009, qiegħed jaqa fuq widnejn torox jew li ma jridux jisimaw ta' l-awtoritajiet Maltin. Madankollu, ħadd m'għandu jaqta qalbu li l-FKNK għad twassalna biex nerġaw ingawdu l-kaċċa u l-insib tal-gamiem fir-rebbiegħa.